# KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
# BOT
## ippreżentati fil-11 ta' Settembru 2007 [1]

1. "Sur President,

Sinjuri Mħallfin,

Il-kawża li għandna quddiemna llum tirrigwarda l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar [[2]] dwar l-għajnuna. [...]

[...]

[...], dak li huwa relevanti [...], hu li nsolvu l-problema tad-delimitazzjoni sistematika bejn, min-naħa waħda, il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(c), [KEFA], u min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 67 [KEFA]. Sinjuri, din hija problema li, m'għandniex ninjoraw, l-interpreti tat-Trattat KEFA ilhom li fittxew is-soluzzjoni għaliha żmien ilu. [...]

[...]" [3]

2. Kif kien għamel qablu l-Avukat Ġenerali Lagrange fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-5 ta' Novembru 1960 fil-kawża De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja [4], l-Avukat Ġenerali Roemer jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-problema delikata tad-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni rispettiv ta' l-Artikoli 4 KEFA u 67 KEFA.

3. L-Artikolu 4(c) KEFA jistabbilixxi projbizzjoni fil-prinċipju ta' għajnuna mill-Istat

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — It-Trattat KEFA ġie ffirmat f'Pariġi, fit-18 ta' April 1951, mir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju ta' l-Olanda. Dan it-Trattat daħal fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 1952 u ġie konkluż għal perjodu ta' 50 sena. Skada fit-23 ta' Lulju 2002.

3 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Roemer ippreżentati fl-10 ta' Ġunju 1971 fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-6 ta' Lulju 1971, L-Olanda vs Il-Kummissjoni (59/70, Ġabra p. 639).

4 — Sentenza tat-23 ta' Frar 1961 (30/59, Ġabra p. 1).

mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar u tal-faħam. L-Artikolu 67 KEFA, min-naħa l-oħra, huwa maħsub biex jevita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li jistgħu joħolqu ċerti politiċi ta' l-Istati Membri.

4. Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja għal darb'oħra qed tiġi mitluba tiddeċiedi dwar il-portata u l-applikabbiltà ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Għalkemm din il-kwistjoni ġuridika ilha tiġi diskussa għal żmien twil, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma qatatha b'mod espliċitu.

5. Fil-kawża preżenti, il-kwistjoni tirrifletti żewġ diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-fundaturi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u ta' l-Azzar (iktar 'il quddiem il-"KEFA") fl-istabbiliment u l-implementazzjoni ta' sistema tagħha stess ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

6. L-ewwel waħda hija bbażata fuq in-natura fundamentalment dinamika tas-suq komuni stabbilit mit-Trattat KEFA. Għaldaqstant, il-projbizzjoni fil-prinċipju ta' għajnuna mill-Istat, stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA, kellha tiġi adattata għall-ħtiġijiet ta' politika li qabel kollox kellha tindirizza l-problemi strutturali ta' l-ekonomija ta' l-industriji tal-faħam u ta' l-azzar. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej adottat diversi Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar [5].

7. It-tieni diffikultà hija marbuta ma' l-integrazzjoni parzjali miksuba mit-Trattat KEFA. Meta ffirmawh, l-Istati Membri rrinunzjaw il-kompetenzi tagħhom fir-rigward ta' l-istituzzjoni u l-funzjonament tas-suq ta' l-azzar u tal- faħam, iżda żammu r-responsabbiltà tal-politika ekonomika ġenerali tagħhom. L-Artikolu 67 KEFA jippermetti għaldaqstant li tiġi stabbilita koordinazzjoni bejn dawn id-diversi politiċi, bil-għan li s-suq komuni jiġi mħares kontra kull distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-ħolqien tal-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) [6], fil-25 ta' Marzu 1957, madankollu biddel iċ-ċirkustanzi. L-istabbiliment ta' din il-Komunità ġdida qajjem il-kwistjoni tal-koeżistenza ta' dawn iż-żewġ sistemi ġuridiċi, il-KEFA u l-KE, u dik tal-koordinazzjoni tas-sistema tagħhom ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

8. Din il-kawża tqajjem ukoll kwistjoni oħra, iktar transversali, peress li tmur lil hinn mid-distinzjonijiet bejn is-sistemi tal-KEFA u tal-KE ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat. Il-problema hija marbuta mal-ħarsien tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi

5 — Fl-iżviluppi segwenti, ser nippreċiża x'jikkostitwixxi Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar.

6 — Li saret il-Komunità Ewropea (KE) bis-saħħa tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

meta l-Kummissjoni tordna lill-awtoritajiet nazzjonali jirkupraw l-għajnuna li tkun ingħatat illegalment lil impriża.

9. Fil-każ preżenti, l-awtoritajiet Ġermaniżi adottaw liġi, fil-5 ta' Awwissu 1971, intiża sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żona tul il-fruntjiera bejn dik li kienet ir-Repubblika Demokratika tal-Ġermanja u dik li kienet r-Repubblika Ċekoslovakka (iktar 'il quddiem iz-"Zonenrandgebiet")[7]. Din il-liġi kienet tipprevedi inċentivi fiskali favur investimenti mwettqa minn impriżi fir-reġjuni li jinsabu f'din iż-żona. L-imsemmija liġi, kif ukoll l-emendi li saru wara, kienu ġew approvati mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-Artikoli 87 KE u 88 KE.

10. L-impriża ta' l-azzar Salzgitter AG — Stahl und Technologie[8] ibbenefikat minn ammortamenti straordinarji u riżervi eżenti mit-taxxa fuq il-bażi taz-ZRFG[9]. Permezz tad-Deċiżjoni 2000/797/KEFA[10]. il-Kummissjoni ddikjarat li l-għajnuna kontenzjuża kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar (Artikolu 1), u ordnat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirkupra l-għajnuna mogħtija illegalment lil Salzgitter (Artikoli 2 u 3).

11. Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat minn Salzgitter quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej. Fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Lulju 2004, Salzgitter vs Il-Kummissjoni[11], il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, billi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma setgħetx titlob ir-restituzzjoni ta' l-għajnuna mogħtija lill-impriża benefiċjarja mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

12. Din is-sentenza fil-preżent hija s-suġġett ta' żewġ appelli.

13. L-appell prinċipali huwa mressaq mill-Kummissjoni u huwa intiż għall-annullament tas-sentenza appellata, in kwantu din annullat id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata dwar ir-rimbors ta' l-għajnuna in kwistjoni. Dan, b'mod partikolari, iqajjem tliet kwistjonijiet.

14. L-ewwel waħda tirrigwarda ċ-ċarezza tal-kuntest ġuridiku applikabbli u, b'mod partikolari, l-obbligu ta' notifika ta' din l-għajnuna.

7 — Zonenrandförderungsgesetz, iktar 'il quddiem iż-"ZRFG".

8 — Iktar 'il quddiem "Salzgitter" jew l-"impriża benefiċjarja".

9 — Iktar 'il quddiem l-"l-għajnuna kontenzjuża" jew "l-għajnuna in kwistjoni"

10 — Deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2000, dwar l-għajnuna mill-Istat implementata mill-Ġermanja favur Salzgitter AG, Preussag Stahl AG u s-sussidjarji tal-grupp li joperaw fl-industrija ta' l-azzar, illum il-ġurnata miġbura flimkien taħt l-isem Salzgitter AG — Stahl und Technologie (SAG) (ĠU L 323, p. 5, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

11 — T-308/00, Ġabra p. II-1933 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

15. It-tieni waħda tirrigwarda l-aġir adottat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-missjoni tagħha ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat. Il-kwistjoni hija jekk din l-istituzzjoni, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet amministrattivi tagħha, naqsitx mid-dmir tagħha ta' diliġenza, billi ma kkonstatatx, meta eżaminat id-dokumenti mibgħuta mill-impriża benefiċjarja, in-nuqqas ta' notifika ta' l-għajnuna in kwistjoni u billi ma ħadet ebda azzjoni f'dan ir-rigward.

16. It-tielet kwistjoni tirrigwarda l-ħarsien tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi meta l-Kummissjoni ordnat l-irkupru ta' l-għajnuna mogħtija illegalment. Il-kwistjoni hija jekk, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ indikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Kummissjoni setgħetx leġittimament titlob ir-restituzzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha b'mod partikolari tiddeċiedi dwar jekk l-atti jew l-aġir tal-Kummissjoni setgħux jagħtu fir-rigward ta' l-impriża li bbenefikat mill-għajnuna lok għal aspettattiva leġittima tali li timpedixxi lill-Kummissjoni milli ġġiegħel lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tordna r-restituzzjoni ta' l-għajnuna u lil Salzgitter tirrimborsha lura.

17. L-appell inċidentali huwa ppreżentat minn Salzgitter u huwa intiż għall- annullament tas-sentenza appellata, in kwantu din ċaħdet il-motivi ta' annullament tagħha relatati mal-kwalifikazzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni u mal-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja interveniet b'sostenn ta' dan l-appell.

18. Fil-kuntest ta' l-imsemmi appell, Salzgitter tikkontesta l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza kemm dwar il-portata kif ukoll dwar l-applikabbiltà tal-Artikoli 4 KEFA u 67 KEFA. Il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistoqsija b'mod partikolari dwar jekk l-Artikolu 4(c) KEFA huwiex applikabbli għal għajnuna mogħtija lil impriża ta' l-azzar meta din tingħata fil-kuntest ta' skema ġenerali ta' għajnuna li tkun ġiet approvata preċedentement mill-Kummissjoni fuq il-bażi tat-Trattat KE jew jekk l-implementazzjoni ta' din il-miżura taqax taħt l-Artikolu 67 KEFA.

19. F'dawn il-Konklużjonijiet, ser nipproponi, fl-ewwel lok, li jiġi miċħud l-appell inċidentali ta' Salzgitter. Ser nispjega għalfejn il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-fehma tiegħi, m'għamlet ebda żball ta' dritt, min-naħa waħda, billi ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet leġittimament tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 4(c) KEFA biex tiddikjara l-għajnuna in kwistjoni inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar u, min-naħa l-oħra, billi kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet issodisfat għal kollox l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni fil-kuntest tad-deċiżjoni kkontestata.

20. Fit-tieni lok, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell prinċipali ppreżentat mill-Kummissjoni. Effettivament, fl-iżvilupp segwenti, ser insostni li

l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt billi ddeċidiet li l-obbligu ta' notifika ta' l-għajnuna in kwistjoni ma jirriżultax b'mod ċar mill-kuntest ġuridiku applikabbli. Ser nispjega għalfejn inqis li dan l-obbligu kien ċar u mingħajr ebda kundizzjoni u għalfejn id-deċiżjoni kkontestata, in kwantu ordnat l-irkupru ta' l-għajnuna in kwistjoni, la kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali u lanqas dak tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi ta' l-impriża benefiċjarja.

21. Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, ser nippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja l-konsegwenzi li għandhom jiġu derivati minn dan l-iżball ta' dritt f' din il-kawża.

## I — Il-kuntest ġuridiku

22. It-Trattat KEFA jipprojbixxi, fil-prinċipju, l-għajnuna mogħtija mill-Istati lill-impriżi ta' l-azzar. Dan jistabbilixxi, fl-Artikolu 4(c) tiegħu li huma inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u ta' l-azzar u, konsegwentement, pprojbiti taħt il-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmi Trattat "is-sussidji jew l-għajnuna mogħtija mill-Istati jew il-piżijiet speċjali imposti minnhom, taħt kwalunkwe forma li jkunu". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

23. L-Artikolu 67 KEFA jgħid hekk:

"1. Kull azzjoni ta' Stat Membru li jista' jkollha riperkussjoni kunsiderevoli fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-industriji tal-faħam jew ta' l-azzar għandha tiġi nnotifikata lill-[Kummissjoni] mill-gvern ikkonċernat.

2. Jekk tali azzjoni hija ta' natura, billi żżid sostanzjalment id-differenzi fl-ispejjeż tal-produzzjoni, b'mod ieħor għajr b'varjazzjoni fil-produttività, li tipprovoka skwilibriju serju, il-[Kummissjoni], wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv u mal-Kunsill, tista' tieħu l-miżuri li ġejjin:

— Jekk l-azzjoni ta' dan l-Istat ikollha effetti dannużi fuq l-impriżi tal-faħam jew ta' l-azzar li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dan l-Istat, il-[Kummissjoni] tista' tawtorizzah jagħtihom għajnuna li l-ammont, il-kundizzjonijiet u t-tul taż-żmien tagħha huma stabbiliti bi ftehim magħha. [...]

— Jekk l-azzjoni ta' dan l-Istat ikollha effetti dannużi fuq l-impriżi tal-faħam jew ta' l-azzar li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stati Membri oħra, il-[Kummissjoni] għandha tindirrizzalu rakkomandazzjoni

sabiex jirrimedja għal dawn permezz ta' miżuri li huwa jqis li huma l-iktar kompatibbli ma' l-ekwilibriju ekonomiku tiegħu.

3. Jekk l-azzjoni ta' dan l-Istat tnaqqas id-differenzi fl-ispejjeż ta' produzzjoni billi tagħti vantaġġ speċjali, jew billi timponi piżijiet speċjali, fuq l-impriżi tal-faħam jew l-azzar li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu meta mqabbla ma' l-industriji l-oħrajn ta' l-istess pajjiż, il-[Kummissjoni] hija awtorizzata, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv u mal-Kunsill, tindirizza lil dak l-Istat ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

24. Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, il-Kummissjoni tista', fuq parir konformi tal-Kunsill li jaġixxi b'unanimità, u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, tadotta deċiżjoni jew rakkomandazzjoni "[f]il-każijiet kollha mhux previsti fit-[…] Trattat, li fihom [din] id-deċiżjoni jew [din] ir-rakkomandazzjoni […] tkun tidher li hija meħtieġa biex jitwettaq, fil-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar u b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5, wieħed mill-objettivi tal-Komunità, kif definiti fl-Artikoli 2, 3 u 4" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, l-imsemmija deċiżjoni jew l-imsemmija rakkomandazzjoni tista', taħt l-istess forom, tiddetermina s-sanzjonijiet applikabbli.

25. Barra minn hekk, it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA jgħid li "jekk diffikultajiet imprevisti, li jirriżultaw mill-esperjenza, fil-modalitajiet ta' applikazzjoni tat-[…] Trattat, jew bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet ekonomiċi jew tekniċi li taffettwa direttament is-suq komuni tal-faħam u l-azzar, irendu neċessarju adattament tar-regoli dwar l-eżerċizzju mill-[Kummissjoni] tas-setgħat mogħtija lilha, emendi adatti jistgħu jsiru, mingħajr ma jistgħu jippreġudikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2, 3 u 4,jew ir-relazzjoni tas-setgħat mogħtija rispettivament lill-[Kummissjoni] u lill-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Komunità" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, dawn l-emendi jridu jsiru permezz ta' proposti stabbiliti bi ftehim mal-Kummissjoni u l-Kunsill, u huma suġġetti għall-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

26. Huwa fuq il-bażi ta' l-ewwel u t-tieni paragrafi ta' l-Artikolu 95 KEFA li l-Kummissjoni adottat serje ta' sitt deċiżjonijiet, ta' portata ġenerali, komunament imsejħa "Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar".

27. Dawn il-Kodiċi kellhom l-objettiv li jindirizzaw il-kriżi li laqtet lis-settur Komunitarju ta' l-azzar billi jawtorizzaw l-għoti ta' għajnuna mill-Istat lill-impriżi ta' l-azzar f'każijiet limittivament elenkati, b'deroga għalhekk mill-projbizzjoni stretta u assoluta stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA.

L-imsemmija Kodiċi kienu suġġetti għal emendi suċċessivi, skond id-diffikultajiet ċikliċi tas-suq.

28. Dawn il-Kodiċi jiffissaw il-kundizzjonijiet li taħthom Stat Membru jista' jagħti għajnuna lill-industrija ta' l-azzar b'mod kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq komuni. Dawn jiddefinixxu l-kunċett ta' għajnuna għall-industrija ta' l-azzar, jiffissaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajnuna u jistabbilixxu r-regoli proċedurali fir-rigward tan-notifika tagħhom lill-Kummissjoni. L-għajnuna li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' wieħed minn dawn il-Kodiċi tibqa' suġġetta għall-projbizzjoni fil-prinċipju, li tinsab fl-Artikolu 4(c) KEFA.

29. L-Ewwel Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 257/80/KEFA [12]. Dan kien applikabbli sal-31 ta' Diċembru 1981. Skond ir-raba' premessa ta' dan l-Ewwel Kodiċi, l-objettiv tiegħu kien li jistabbilixxi sistema li tawtorizza l-għoti ta' għajnuna speċifika lill-industrija ta' l-azzar f'każijiet definiti b'mod limitat, filwaqt li l-applikazzjoni għall-industrija ta' l-azzar ta' skemi ta' għajnuna ġenerali u reġjonali baqgħu suġġetti għall-kontroll tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 67 KEFA kif ukoll tal-Artikoli 87 KE u 88 KE [13].

30. L-Ewwel Kodiċi ġie ssostitwit bit-Tieni Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, stabbilit permezz tad-Deċiżjoni Nru 2320/81/KEFA tal-Kummissjoni [14], applikabbli sal-31 ta' Diċembru 1985. Dan it-Tieni Kodiċi stabbilixxa regoli iktar stretti li kienu jippreskrivu t-tneħħija progressiva ta' l-għajnuna. Dan stabilixxa sistema Komunitarja globali, li tiżgura trattament uniformi ta' "[k] ull għajnuna lill-industrija ta' l-azzar iffinanzjata minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' Stat, taħt kwalunkwe forma, kemm jekk din tkun speċifika u kemm jekk le" [15] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

31. Fl-1 ta' Jannar 1986 daħal fis-seħħ it-Tielet Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar [16]. Huwa minn din id-data li l-Kummissjoni takkuża lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bl-għoti ta' l-għajnuna in kwistjoni.

32. Skond l-Artikolu 1(1) ta' dan it-Tielet Kodiċi, "[k]ull għajnuna lill-industrija ta' l-azzar iffinanzjata minn Stat Membru, kif ukoll minn awtoritajiet territorjali jew permezz ta' riżorsi ta' Stat, taħt kwalunkwe

12 — Deċiżjoni tal-1 ta' Frar 1980, li tistabbilixxi regoli Komunitarji għall-għajnuna speċifika lill-industrija ta' l-azzar (ĠU L 29, p. 5, iktar 'il quddiem l-"l-Ewwel Kodiċi").

13 — Ara, ukoll, l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Kodiċi.

14 — Deċiżjoni tas-7 ta' Awwissu 1981, li tistabbilixxi regoli Komunitarji għall-għajnuna speċifika lill-industrija ta' l-azzar (ĠU L 228, p. 14), kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 1018/85/KEFA, tad-19 ta' April 1985 (ĠU L 110, p. 5, iktar 'il quddiem it-"Tieni Kodiċi").

15 — Ara l-Artikolu 1(1) tat-Tieni Kodiċi.

16 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 484/85/KEFA, tas-27 ta' Novembru 1985, li tistabbilixxi regoli Komunitarji għall-għajnuna lill-industrija ta' l-azzar (ĠU L 340, p. 1, iktar 'il quddiem it-"Tielet Kodiċi").

forma, kemm jekk din tkun speċifika u kemm jekk le, tista' titqies bħala għajnuna Komunitarja, u għaldaqstant, bħala kompatibbli malfunzjonament tajjeb tas-suq komuni biss jekk tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 sa 5 [ [17]]". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

33. L-Artikolu 6(1) ta' l-imsemmi Kodiċi jgħid hekk:

"Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata fi żmien xieraq biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-proġetti li jistitwixxu jew jimmodifikaw għajnuna msemmija fl-Artikoli 2 sa 5. Hija għandha tiġi infurmata taħt l-istess kundizzjonijiet dwar il-proġetti intiżi sabiex japplikaw għas-settur ta' l-azzar skemi ta' għajnuna li fir-rigward tagħhom hija diġà ddeċidiet fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KEE. [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

34. Skond l-Artikolu 6(2) tat-Tielet Kodiċi, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata wkoll dwar kull proġett ta' interventi finanzjarji (bħat-teħid ta' ishma azzjonarji, l-għoti ta' kapital jew il-miżuri simili) ta' l-Istati Membri, ta' l-awtoritajiet territorjali jew ta' entitajiet li jużaw għal dan il-għan riżorsi ta' Istat għall-benefiċċju ta' impriżi ta' l-azzar. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk dawn l-interventi jinkludux elementi ta' għajnuna u għandha tevalwa, jekk ikun il-każ, il-kompatibbiltà tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 sa 5 ta' dan it-Tielet Kodiċi.

35. Ma' l-iskadenza ta' l-imsemmi Tielet Kodiċi, fil-31 ta' Diċembru 1988, daħlu fis-seħħ ir-Raba' u l-Ħames Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar [18].

36. Bħat-Tielet Kodiċi, dawn il-Kodiċi huma applikabbli għal kull għajnuna għall-industrija ta' l-azzar iffinanzjata minn Stat Membru, kemm jekk tkun speċifika u kemm jekk le. Dawn jipprevedu regoli proċedurali identiċi f'dak li jirrigwarda n-notifika ta' miżuri finanzjarji li l-Istati Membri għandhom l-intenzjoni jadottaw favur l-impriżi tas-settur ta' l-azzar.

37. Il-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar applikabbli fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura mill-Kummissjoni huwa s-Sitt wieħed u l-aħħar wieħed fis-serje. Dan ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2496/96/KEFA [19]. L-imsemmi Kodiċi kien applikabbli mill-1 ta' Jannar 1997 sat-22 ta' Lulju 2002.

17 — L-Artikoli 2 sa 5 tat-Tielet Kodiċi jippreċiżaw, rispettivament, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna għar-riċerka u għall-iżvilupp, għajnuna favur il-ħarsien ta' l-ambjent, għajnuna għall-għeluq ta' installazzjonijiet talproduzzjoni ta' l-azzar u, fl-aħħar, għajnuna reġjonali għallinvestiment.

18 — Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Nri 322/89/KEFA, tal-1 ta' Frar 1989, li tistabbilixxi regoli Komunitarji għall-għajnuna lill-industrija ta' l-azzar (ĠU L 38, p. 8, iktar 'il quddiem ir-"Raba' Kodiċi"), u 855/91/KEFA tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Novembru 1991, li tistabbilixxi regoli Komunitarji għall-għajnuna lill-industrija ta' l-azzar (ĠU L 362, p. 57, iktar 'il quddiem il-"Ħames Kodiċi").

19 — Deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 1996, li tistabbilixxi regoli Komunitarji għall-għajnuna lill-industrija ta' l-azzar (ĠU L 338, p. 42, iktar 'il quddiem is-"Sitt Kodiċi").

38. L-Artikolu 1 ta' dan is-Sitt Kodiċi, intitolat "Prinċipji", jgħid:

"1. L-għajnuna mogħtija lill-industrija ta' l-azzar iffinanzjata minn Stat Membru, minn awtoritajiet territorjali jew permezz ta' riżorsi ta' Stat, taħt kwalunkwe forma u kemm jekk din tkun speċifika jew le, tista' tiġi meqjusa bħala għajnuna Komunitarji u, għaldaqstant, bħala kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq komuni biss jekk din tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 sa 5[20].

[…]

3. L-għajnuna li taqa' taħt din id-deċiżjoni tista' tingħata biss wara li jsiru l-proċeduri previsti fl-Artikolu 6 u ma tistax tagħti lok għal xi ħlas wara t-22 ta' Lulju 2002." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

39. L-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kodiċi, intitolat "Proċedura", jipprevedi li kull proġett intiż sabiex tiġi istitwita għajnuna msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' l-istess Kodiċi u kull proġett ta' trasferiment ta' riżorsi pubbliċi għall-benefiċċju ta' impriżi ta' l-azzar għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni, li tevalwa l-kompatibbiltà tiegħu mas-suq komuni. Bis-saħħa ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(4), il-miżuri ppjanati jistgħu jiġu implementati biss bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni u skond il-kundizzjonijiet stabbiliti minnha.

40. L-Artikolu 6(5) tas-Sitt Kodiċi jipprevedi li, jekk, wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tikkunsidra li intervent finanzjarju jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat jew jekk tiddubita l-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, hija għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat b'dan u tistieden lill-partijiet kkonċernati u lill-Istati Membri l-oħrajn jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Jekk wara li tkun irċeviet dawn l-osservazzjonijiet u wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità jirrispondi għalihom, il-Kummissjoni tikkonstata li l-miżura in kwistjoni hija għajnuna li mhijiex kompatibbli mar-regoli ta' l-imsemmi Kodiċi, hija għandha tieħu deċiżjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' tevalwa l-għajnuna in kwistjoni. Meta Stat Membru ma jikkonformax ma' l-imsemmija deċiżjoni, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 88 KE.

41. Wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, fit-23 ta' Lulju 2002, l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar kif ukoll lill-impriżi tal-faħam waqat taħt ir-regoli tat-Trattat KE.

20 — L-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Kodiċi jippreċiżaw, rispettivament, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna għar-riċerka u għall-iżvilupp, għajnuna favur il-ħarsien ta' l-ambjent, għajnuna għall-għeluq ta' installazzjonijiet tal-produzzjoni ta' l-azzar, kif ukoll għajnuna reġjonali prevista minn sistemi ġenerali favur impriżi li jinstabu fil-Greċja.

## II — Il-fatti li wasslu għall-kawża

42. Salzgitter hija impriża ta' l-azzar li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA [21].

A — *Il-miżuri fiskali stabbiliti miz-ZRFG*

43. Fil-Ġermanja, iz-ZRFG ġiet adottata fil-5 ta' Awwissu 1971.

44. Din il-liġi ġiet approvata, flimkien ma' l-emendi ulterjuri tagħha, mill-Kummissjoni, wara eżami tal-miżuri li din tipprevedi fid-dawl tal-Artikoli 87 KE u 88 KE [22]. L-imsemmija liġi kienet tapplika għas-setturi kollha ta' l-ekonomija. Din b'hekk kienet tikkonsisti f'skemi ġenerali ta' għajnuna mhux speċifika għas-settur tal-faħam u l-azzar. Iz- ZRFG skadiet fl-1995.

45. L-Artikolu 3 ta' din il-liġi kien jipprevedi inċentivi fiskali taħt il-forma ta' ammortamenti straordinarji u riżervi eżenti mit-taxxa għall-investimenti magħmula f'kull stabbiliment ta' impriża li tinsab fiz-Zonenrandgebiet. L-ammortamenti straordinarji kienu jippermettu lill-impriżi benefiċjarji jniżżlu fil-bilanċ tagħhom kantità ta' ammortamenti,, relatati ma' investimenti ammissibbli, ogħla, meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni ġenerali, fl-ewwel sena jew fl-ewwel snin wara l-imsemmija investimenti ta' l-impriżi. Dan kien ifisser għal dawn l-impriżi bażi ta' taxxa mnaqqsa u għalhekk likwidità ikbar għall-ewwel sena jew għall-ewwel snin wara l-investimenti, li kienet tagħtihom vantaġġ ta' dħul u ħruġ tal-flus. Kien miksub ukoll vantaġġ simili mill-imsemmija impriżi permezz ta' riżervi eżenti mit-taxxa. Madankollu, l-ammortamenti straordinarji u r-riżervi eżenti mit-taxxa ma kinux kumulattivi.

46. L-Artikolu 3 taz-ZRFG kien japplika mingħajr distinzjoni għas-setturi kollha ta' attività, għal kull tip ta' investiment, kemm jekk mobbli u kemm jekk immobbli u għall-impriżi kollha, mingħajr distinzjoni ta' daqs, attività jew sede. Madankollu, kundizzjoni neċessarja sabiex wieħed ikun jista' jibbenifika mill-miżuri previsti f'dan l-Artikolu kienet li l-istabbilimenti li fihom kienu saru l-investimenti kellhom jinsabu fiz-Zonenrandgebiet.

21 — Skond l-Artikolu 80 KEFA, l-impriżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità huma dawk li jeżerċitaw attività ta' produzzjoni fil-qasam tal-faħam u l-azzar. Fil-każ preżenti, Salzgitter timmanifattura l-prodotti msemmija fl-Anness I tat-Trattat KEFA.

22 — ĠU 1993, C 3, p. 3.

B — *Il-ftuħ tal-proċedura ta' eżami prevista fl-Artikolu 6(5) tas-Sitt Kodiċi u l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata*

47. Wara li skopriet fil-kontijiet annwali ta' Preussag Stahl AG, waħda mill-kumpanniji tal-grupp attwali Salzgitter, li din kienet ingħatat iktar minn għajnuna waħda bejn l-1986 u l-1995 fuq il-bażi ta' l-Artikolu 3 taz-ZRFG, il-Kummissjoni infurmat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja permezz ta' ittra tat-3 ta' Marzu 1999 bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 6(5) tas-Sitt Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar fir-rigward ta' l-għotjiet konċessi u mogħtija minn dan l-Istat Membru lil Salzgitter [23].

48. Fit-28 ta' Ġunju 2000, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata fuq il-bażi tal-Artikolu 4(c) KEFA u tas-Sitt Kodiċi.

49. Fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter, skond l-Artikolu 3 taz-ZRFG, fil-forma ta' ammortamenti straordinarji u riżervi eżenti mit-taxxa, għal bażi ta sussidju ta' rispettivament 484 miljun u 367 miljun DEM, kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni.

50. Skond l-Artikoli 2 u 3 ta' l-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni ordnat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirkupra l-imsemmija għajnuna mingħand Salzgitter.

## III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

51. Permezz ta' talba ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-21 ta' Settembru 2000, Salzgitter ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. B'digriet tad-29 ta' Marzu 2001 tal-President tar-Raba' Awla Estiża tal-Qorti tal-Prim'Istanza [24], ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tħalliet tintervjeni b'sostenn tat-talbiet ta' Salzgitter.

52. Sabiex isostni r-rikors tagħha, l-impriża benefiċjarja invokat tmien motivi ta' annullament. Il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-seba' motivi, qabel ma annullat parzjalment id-deċiżjoni kkontestata.

53. *Permezz ta' l-ewwel motiv tagħha,* Salzgitter akkużat lill-Kummissjoni li kkwali-

23 — ĠU C 113, p. 9.

24 — Salzgitter vs Il-Kummissjoni (T-308/00).

fikat, b'mod żbaljat, l-ammortamenti straordinarji u r-riżervi eżenti mit-taxxa previsti fl-Artikolu 3 taz-ZRFG, bħala għajnuna mill-Istat. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan il-motiv, billi kkunsidrat li l-għajnuna in kwistjoni kienet tabilħaqq tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 4(c) KEFA.

54. *Permezz tat-tieni motiv tagħha,* Salzgitter akkużat lill-Kummissjoni li wettqet żball fl-interpretazzjoni tal-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA u, b'mod partikolari, fl-evalwazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan il-motiv, fuq il-bażi tar-raġunijiet mogħtija fil-punti 103 sa 118 tas-sentenza appellata. Wara li rrilevat, fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-portata ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li l-Artikolu 4(c) KEFA u l-Artikolu 67 KEFA jirrigwardaw żewġ oqsma differenti, u li dan l-aħħar Artikolu ma jaqax taħt il-qasam ta' għajnuna mill-Istat.

55. Fil-punti 112 sa 115 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza sussegwentement enfasizzat li l-inċertezzi marbuta ma' l-iżviluppi tal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ma jbiddlux dan l-istat ta' fatt. Hija tippreċiża, b'mod partikolari, fil-punt 115 tas-sentenza appellata, li, għalkemm, sa mit-Tieni Kodiċi, il-Kodiċi jikkonċernaw kollha l-għajnuna għall-industrija ta' l-azzar, kemm jekk hija speċifika għas-settur tal-faħam u l-azzar u kemm jekk le, din il-preċiżjoni għandha biss bħala għan li tagħti lura lill-Artikolu 4(c) KEFA l-portata oriġinali tiegħu, peress li dan ta' l-aħħar ma jistabbilixxi ebda distinzioni bejn it-tipi ta' għajnuna li jaqgħu taħt il-projbizzjoni tiegħu.

56. Fil-punt 117 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet korretta meta kkunsidrat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-Artikolu 4(c) KEFA kien applikabbli, bl-esklużjoni tal-Artikolu 67 KEFA u, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, hija ċaħdet it-tieni motiv.

57. *Permezz tat-tielet motiv tagħha,* Salzgitter akkużat lill-Kummissjoni li ma eżaminatx *ex ufficio,* fis-sens tal-Artikolu 95 KEFA, jekk l-għajnuna in kwistjoni setatx tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet dan il-motiv, billi kkunsidrat, fil-punti 136 sa 147 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kienet għamlet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest ta' l-eżami ta' l-applikabbiltà tal-Artikolu 95 KEFA.

58. *Permezz tar-raba' u l-ħames motivi tagħha,* Salzgitter takkuża lill- Kummissjoni li għamlet żbalji ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-kwalifikazzjoni ta' ċerti proġetti ta' investiment. Fil-kuntest tas-*sitt motiv,* hija sostniet li l-Kummissjoni kienet ukoll għamlet żball ta' evalwazzjoni fid-definizzjoni tar-rata ta' attwalizzazzjoni determinanti. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma eżaminatx dawn il-motivi.

59. *Permezz tas-seba' motiv tagħha,* Salzgitter ikkunsidrat li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali, billi ordnat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirkupra l-għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq

komuni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-ewwel lok, iddeċidiet, fil-punt 161 tas-sentenza appellata, li n-nuqqas ta' terminu preskrittiv jew in-nuqqas ta' notifika minn qabel ta' l-għajnuna in kwistjoni ma kinux jeskludu ksur, mill-Kummissjoni, tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Hija enfasizzat ukoll, fil-punt 163 ta' din is-sentenza, li Salzgitter ma setgħetx tinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' notifika ta' din l-għajnuna, in kwantu l-impriża benefiċjarja m'hijiex l-interlokutur istituzzjonali tal-Kummissjoni fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat. Sussegwentement, fil-punti 165 u 166 ta' l-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament aċċettat li l-benefiċjarju ta' għajnuna ma jistax jinvoka aspettattiva leġittima fir-regolarità ta' din l-għajnuna meta din tkun ingħatat bi ksur tar-regoli proċedurali, Salzgitter ma invokatx, fil-każ preżenti, aspettativa leġittima fir-regolarità ta' l-għajnuna, iżda ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li ma jistax ikun limitat għall-kundizzjonijiet rikjesti għall-ħolqien ta' aspettativa leġittima minn naħa tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna

60. Wara li fakkret, fil-punti 168 sa 173 tas-sentenza appellata, l-iżviluppi fil-gwida ta' kondotta adottata mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-ewwel tliet Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punt 174 ta' dik is-sentenza:

"[...] is-sitwazzjoni li rriżultat mill-adozzjoni tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi [...], kienet ikkaratterizzata minn elementi ta' inċertezza u ta' nuqqas ta' ċarezza, attribwibbli lill-Kummissjoni::

— In-natura impliċita ta' rtirar parzjali — u, għaldaqstant, ta' natura li mhijiex ċara biżżejjed — tan-nuqqas ta' oġġezzjoni li tinsab fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' [l-4 ta' Awwissu 1971, iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1971"];

— ambigwità rigward il-portata ta' l-irtirar impliċitu tan-nuqqas ta' oġġezzjoni, iċċitat iktar 'il fuq għal dak li jikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk l-applikazzjoni sussegwenti ta' l-Artikolu 3 taz-ZRFG kellhiex tiġi nnotifikata bħala "proġett", fis-sens ta' l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi [...]."

61. Il-Qorti tal-Prim'Istanza sussegwentement irrivelat, fil-punti 176 sa 179 tas-sentenza appellata, l-obbligi partikolari li l-Kummissjoni kienet imponiet fuq l-impriżi ta' l-azzar bil-għan li tindirizza l-kriżi fis-settur. Dawn kellhom jikkomunikaw lis-servizzi tal-Kummissjoni informazzjoni dwar l-produzzjoni ta' azzar tagħhom u l-investimenti tagħhom fil-kuntest tas-sistemi ta' sorveljanza stabbiliti mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li kienet teżisti konnessjoni ġuridika bejn dawn is-sistemi differenti u indikat li l-Kummissjoni għaldaqstant kienet neċessarjament mwassla tivverifika, matul l-eżami tad-dokumenti mibgħuta mill-impriżi, jekk iż-żamma jew iż-żieda

tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni ma kinux jirriżultaw minn għajnuna mill-Istat mhux awtorizzata. F'dawn iċ-ċirkustanzi u fid-dawl ta' l-informazzjoni mibgħuta minn Salzgitter wara l-1988, il-Qorti tal-Prim'Istanza qiset li l-Kummissjoni kien imissa rrilevat u kkonstatat in-nuqqas ta' notifika ta' l-għajnuna in kwistjoni u bdiet azzjoni marbuta ma' dan . Hija fakkret ukoll li l-Kummissjoni kienet eżaminat mill-ġdid l-iskema ta' għajnuna prevista miz-ZRFG fl-1988 u adottat deċiżjoni ta' nuqqas ta' oġġezzjoni matul ix-xahar ta' Diċembru 1988 fuq il-bażi tat-Trattat KE.

62. Fil-punt 180 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza għaldaqstant iddeduċiet li:

"Is-sitwazzjoni ta' inċertezza u ta' nuqqas ta' ċarezza deskritta fil-punt 174 [...], flimkien man-nuqqas ipprorogat ta' reazzjoni mill-Kummissjoni, minkejja l-konoxxenza tagħha ta' l-għajnuna li minnha kienet tibbenefika [Salzgitter], b'hekk ikkreat, bi ksur għall-obbligu ta' diliġenza impost fuq din l-istituzzjoni, sitwazzjoni ekwivoka li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tikkjarifika qabel ma setgħet tieħu azzjoni intiża sabiex tordna l-irkupru ta' l-għajnuna diġà mħallsa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Lulju 1970, Il-Kummissjoni vs Franza, 26/69, Ġabra p. 565, punti 28 sa 32)".

63. Fil-punt 181 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li din il-kjarifika ma kinitx ingħatat mill-Kummissjoni, u fil-punt 182 ta' din is-sentenza, hija kkonkludiet li l-Kummissjoni ma setgħetx titlob l-irkupru ta' l-għajnuna mħallsa lil Salzgitter bejn l-1986 u l-1995, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

64. Konsegwentement, fil-punt 183 ta' l-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza laqgħet is-seba' motiv u annullat l-Artikoli 2 u 3 tad-deċiżjoni kkontestata in kwantu dawn obbligaw lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirkupra l-għajnuna mogħtija illegalment lil Salzgitter.

65. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, fil-punt 184 tas-sentenza appellata, li ma kienx hemm lok li tagħti deċiżjoni dwar il-motivi intiżi, essenzjalment, għat-tnaqqis u għall-kalkolu ta' l-ammont ta' l-għajnuna li għandha tiġi restitwita. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet it-tmien motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Hija kkunsidrat, effettivament, li l-istħarriġ ġudizzjarju li hija kienet wettqet matul l-eżami ta' l-ewwel tliet motivi invokati minn Salzgitter kien juri, ampjament, li dan l-obbligu kien ġie rrispettat mill-Kummissjoni.

## IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

66. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni ressqet

dan l-appell. Hija titlob l-annullament tas-sentenza appellata, ir-rinviju tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u, finalment, li Salzgitter tiġi ordnata tbati l-ispejjeż.

67. Salzgitter titlob li l-appell jiġi miċħud. Barra minn hekk, permezz ta' l-appell inċidentali tagħha hija titlob, min-naħa waħda, l-annullament tas-sentenza appellata, in kwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet parzjalment ir-rikors tagħha fil-prim'istanza u, min-naħa l-oħra, l-annullament ta' l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata. Salzgitter tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja wkoll tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

68. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li interveniet b'sostenn tar-risposta u ta' l-appell inċidentali mressqa minn Salzgitter, titlob li l-appell prinċipali jiġi miċħud, li s-sentenza appellata tiġi annullata, in kwantu din ċaħdet ir-rikors ta' Salzgitter fil-prim' istanza u, finalment, li l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata jiġi annullat.

69. L-appelli mressqa kontra s-sentenza appellata jqajjmu, essenzjalment, żewġ problemi ta' dritt.

70. Fil-kuntest ta' l-appell prinċipali, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt meta ddeċidiet li hija kienet kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali billi ordnat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirkupra l-għajnuna mogħtija indebitament lil Salzgitter, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ preżenti.

71. Fil-kuntest ta' l-appell inċidentali, Salzgitter issostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat il-portata u l-applikabbiltà tal-Artikoli 4(c) KEFA, 67 KEFA u 95 KEFA għall-finijiet ta' l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni kkontestata. Hija b'mod partikolari takkuża lill-Qorti tal-Prim'Istanza li kkommettiet żball ta' dritt meta kkunsidrat li l-eżami ta' l-għajnuna kontenzjuża kien jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA.

72. In kwantu l-kwistjoni mqajjma mill-appell inċidentali hija relatata mal-bażi ġuridika tad-deċiżjoni kkontestata, fil-fehma tiegħi din għandha tiġi eżaminata qabel l-appell prinċipali.

## V — Fuq l-appell inċidentali

73. B'sostenn ta' l-appell inċidentali tagħha, Salzgitter tqajjem żewġ aggravji.

74. Permezz ta' l-ewwel aggravju tagħha, Salzgitter tikkontesta l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-legalità tal-bażi tad-deċiżjoni kkontestata. Hija ssostni li, fis-sentenza appellata, hija interpretat b'mod żbljat l-Artikoli 4(c) KEFA, 67 KEFA u 95 KEFA.

75. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Salzgitter issostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza evalwat, b'mod żbaljat, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata meħtieġa skond ir-raba' inċiż tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5, KEFA, u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 15, KEFA [25].

A — *Fuq l-ewwel aggravju ibbażat fuq żball ta' dritt fl-interpretazzjoni tal-Artikoli 4(c) KEFA, 67 KEFA u 95 KEFA*

76. L-ewwel aggravju jikkonsisti fi tliet partijiet, ibbażati fuq żbalji differenti ta' dritt magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-portata u l-applikabbiltà tal-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA, fit-tieni lok, fir-rigward tal-firxa tal-kompetenzi tal-Kummissjoni stabbilita fl-Artikolu 95 KEFA u, fit-tielet lok, fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-prassi deċiżjonali tagħha.

1. Fuq l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, ibbażata fuq żball ta' dritt fir-rigward tal-portata u l-applikabbiltà tal-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA

77. Permezz ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, Salzgitter tqis li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet validament tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 4(c) KEFA għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni [26].

a) L-argumenti tal-partijiet

78. In sostenn ta' l-argument tagħha, Salzgitter tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tgħid li l-għajnuna mhux speċifika għas-settur tal-faħam u ta' l-azzar ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA. Hija ssemmi, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 1960, Compagnie des hauts fourneaux u fonderies de Givors *et* vs L-Awtorità Għolja [27], De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq; L-Olanda vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u tal-20 ta' Settembru 2001, Banks [28]. Salzgitter tikkontesta wkoll l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 1969, Il-Kummissjoni vs Franza [29], tistabbilixxi li l-għajnuna mhux speċifika

25 — Ir-raba' inċiż tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5, KEFA, jgħid li "[il-Komunità] għandha tippubblika r-raġunijiet għall-azzjoni tagħha u tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-osservanza tar-regoli previsti mit-[Trattat KEFA]", u l-ewwel paragrafu ta' .l-Artikolu 15 KEFA jippreċiża li "[i]d-deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet tal-[Kummissjoni] għandhom ikunu mmotivati".

26 — Punti 97 sa 112 tar-rispsota u ta' l-appell inċidentali.

27 — 27/58 sa 29/58, Ġabra p. 501.

28 — C-390/98, Ġabra p. I-6117.

29 — 6/69 u 11/69, Ġabra p. 523.

għall-impriżi ta' l-azzar kienet diġà pprojbita mill-Artikolu 4(c) KEFA qabel l-adozzjoni ta' l-Ewwel Kodiċi.

79. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tappoġġa l-analiżi ta' Salzgitter billi tibbaża ruħha, fl-ewwel lok, fuq is-sistematika tat-Trattat KEFA. Hija tikkonstata li l-piżijiet u s-sussidji li jirrigwardaw speċifikament il-faħam u l-azzar kienu allegatament strettament ipprojbiti mill-Artikolu 4(c) KEFA, filwaqt li l-Artikolu 67 KEFA kien intiż biex japplika għall-miżuri ġenerali ta' l-Istat. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA għal għajnuna mhux speċifika għas-settur tal-faħam u l-azzar mhux biss tmur kontra l-prinċipju ta' integrazzjoni parzjali li fuqu huwa bbażat it-Trattat KEFA, iżda tneħħi wkoll kull effett utli tal-Artikolu 67 KEFA.

80. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tibbaża ruħha, fit-tieni lok, fuq il-kamp ta' applikazzjoni tat-trattati KEFA u KE. Filwaqt li l-kontroll ta' l-għajnuna previst mit-Trattat KE jirrigwarda, kif jirriżulta mill-Artikolu 87(3)(a) sa (e), KE, il-miżuri ta' għajnuna ġenerali, it-Trattat KEFA jorganizza esklużivament il-kontroll ta' l-għajnuna maħsuba għas-settur tal-faħam u l-azzar. Għaldaqstant, l-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA għall-iskemi ġenerali ta' għajnuna, tammonta sabiex jiġi ristrett il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KE kif ukoll is-setgħat ta' eżenzjoni mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 87 KE.

81. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja targumenta li l-interpretazzjoni li hija tiddefendi ma ddgħajjafx il-kontroll tal-Kummissjoni fuq l-għajnuna mill-Istat, in kwantu r-riperkussjonijiet ta' l-iskemi ġenerali ta' għajnuna fuq is-settur ta' l-azzar u tal-faħam huma evalwati fir-rigward tal-Artikoli 87 KE u 88 KE kif ukoll ta' l-Artikolu 67 KEFA.

82. Fid-dawl ta' dawn id-diversi elementi, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni għaldaqstant li l-kunċett ġuridiku difiż mill-Kummissjoni sa mit-Tielet Kodiċi huwa żbaljat u li d-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Kodiċi huma inkompatibbli ma' l-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA.

83. Il-Kummissjoni targumenta, essenzjalment, li l-Artikolu 67 KEFA m'huwiex applikabbli għall-għajnuna mill-Istat. Din id-dispożizzjoni tkopri biss il-miżuri ġenerali li l-Istati Membri jistgħu jadottaw fil-kuntest tal-politika ekonomika u soċjali tagħhom jew il-miżuri settorjali li ma jirrigwardawx speċifikament lill-industrija ta' l-azzar u tal-faħam. L-Artikolu 4(c) KEFA japplika, min-naħa l-oħra, għall-għajnuna mhux speċifika għas-suq komuni tal-faħam u l-azzar.

b) Evalwazzjoni

84. Permezz ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju tagħha, Salzgitter titlob lill-Qorti

tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi dwar il-portata u l-applikabbiltà rispettivi tal-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA. Kif diġà indikajt, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistoqsija dwar jekk l-Artikolu 4(c) KEFA huwiex applikabbli għal għajnuna mogħtija lil impriża ta' l-azzar meta din issir fil-kuntest ta' skema ġenerali ta' għajnuna li preċedentement ġiet approvata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tat-Trattat KE, jew jekk l-implementazzjoni ta' din il-miżura taqax taħt l-Artikolu 67 KEFA.

85. Għandu jiġi mfakkar, effettivament, li, fil-kawża preżenti, l-iskema ġenerali ta' għajnuna adottata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, permezz taz-ZRFG, kienet ġiet awtorizzata mill-Kummissjoni, fl-1971, fuq il-bażi tal-Artikoli 87 KE u 88 KE. Kif jirriżulta wkoll mill-fatti ppreżentati mill-Qorti tal-Prim'Istanza, l-aħħar emendi ta' din il-liġi kienu ġew approvati mill-Kummissjoni bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mat-Trattat KE.

86. Kien fl-applikazzjoni ta' din l-iskema ġenerali li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tat għajnuna lil Salzgitter. Din l-impriża, għandu jiġi mfakkar, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li din l-għajnuna, li tħallset bejn l-1986 u l-1995 [30], kienet inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar, skond l-Artikolu 4(c) KEFA. Il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistoqsija dwar jekk l-għajnuna in kwistjoni fil-fatt taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-imsemmija dispożizzjoni.

30 — L-1986 hija d-data minn meta t-Tielet Kodiċi ta' l-għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar jipprevedi obbligu ta' notifika ta' l-għajnuna mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar. L-1995 hija d-data ta' skadenza taz-ZRFG.

87. Fil-kuntest ta' dawn il-proċedimenti, ġew ippreżentati żewġ opinjonijiet.

88. L-ewwel waħda, li hija dik tal-Kummissjoni, targumenta favur interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 4(c) KEFA. Din id-dispożizzjoni tkopri kull għajnuna li jistgħu jgawdu minnha l-impriżi ta' l-azzar jew tal-faħam.

89. It-tieni opinjoni, li hija mressqa minn Salzgitter u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tikkonsisti fl-għoti ta' interpretazzjoni restrittiva tal-portata tal-Artikolu 4(c) KEFA. Dan l-Artikolu japplika esklużivament għall-għajnuna speċifika favur impriżi fis-settur tal-faħam u l-azzar, jiġifieri għall-għajnuna li minnha dawn l-impriżi jibbenefikaw speċjalment jew prinċipalment minħabba l-attività tagħhom fis-settur ta' l-azzar jew tal-faħam. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-għajnuna mogħtija lill-industrija ta' l-azzar jew tal-faħam fuq il-bażi ta' skemi ta' għajnuna ġenerali jew reġjonali. Il-kompatibbiltà ta' din ta' l-aħħar hija xorta waħda eżaminata fuq il-bażi tal-Artikolu 67 KEFA, moqri flimkien ma' l-Artikoli 87 KE u 88 KE.

90. Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu Salzgitter u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-fehma tiegħi l-eżami ta' l-għajnuna in kwistjoni jaqa' ferm taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA.

91. Qabel ma nippreżenta r-raġunijiet li jwassluni biex niddefendi dan l-argument, ser niddeskrivi, fl-ewwel lok, l-istat tal-kwistjoni, sabiex inkunu nistgħu nifhmu sew is-sistematika tat-Trattat KEFA. Fil-kuntest ta' dan l-istudju, ser nistudja, fl-ewwel lok, il-portata u l-applikabbiltà rispettivi tal-Artikoli 4 KEFA u 67 KEFA. Ser nippreżenta, sussegwentement, l-opinjonijiet ta' l-Avukati Ġenerali dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Fl-aħħar, ser nippreċiża l-konfini tas-sistema ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat stabbilita mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-Trattat KEFA.

92. Ser nispjega, fit-tieni lok, u fid-dawl ta' l-elementi li ser nistabbilixxi, għalfejn inqis li l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni taqa' ferm taħt l-Artikolu 4(c) KEFA.

i) L-istat tal-kwistjoni

— Ir-regoli previsti mit-Trattat KEFA

93. Ma jirriżultax b'mod ċar mill-kliem tal-Artikoli 4 KEFA u 67 KEFA jekk il-kompatibbiltà ta' għajnuna, bħal dik in kwistjoni fil-kawża preżenti, għandhiex tiġi eżaminata fir-rigward ta' waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet jew l-oħra. L-interpretazzjoni tagħhom hija saħanistra iktar delikata peress li ma jeżistux, fil-kuntest tat-Trattat KEFA, xogħolijiet preparatorji jew dokumenti komuni għall-firmatarji kollha li għandhom valur interpretattiv [31]. Għaldaqstant huwa neċessarju li ssir referenza għall-istruttura u għall-objettivi ta' dan it-Trattat.

94. Qabel kollox għandu jiġi mfakkar li t-Trattat KEFA kiseb biss integrazzjoni ekonomika parzjali, billi ħoloq suq komuni limitat għas-settur tal-faħam u l-azzar.

95. Fil-kuntest ta' dan it-Trattat, l-Istati Membri rrinunzjaw il-kompetenzi tagħhom fir-rigward ta' l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri żammu r-responsabbiltà għall-politika ekonomika ġenerali tagħhom, kif jindika l-kliem tal-Artikolu 26 KEFA [32].

31 — Ara P. Reuter, *La Communauté européenne du charbon et de l'acier*du droit et de jurisprudence, Pariġi, 1953, u, b'mod partikolari, id-daħla ta' Robert Schuman.r-rapport tad-delegazzjoni Franċiża dwar it-Trattat u l-Konvenzjoni ffirmati f'Pariġi fit-18 ta' April 1951, "Action des États et conditions de la concurrence", taqsima III, Reuter, P., *op. cit.*, p. 111 sa 116.

32 — L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 26 KEFA jippreċiża li "[i] l-Kunsill għandu jeżerċita is-setgħat attribwiti lilu fil-każijiet previsti u bil-mod indikat fit- […] Trattat, b'mod partikolari bil-għan li tiġi armonizzata l-azzjoni tal-[Kummissjoni] u dik tal-gvernijiet responsabbli għall-politika ekonomika ġenerali tal-pajjiż tagħhom" Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-23 ta' April 1956, Groupement des industries sidérurgiques luxembourgeoises vs L-Aworità Għolja (7/54 u 9/54, Ġabra p. 53, 96).

96. Il-kompetizzjoni fis-suq ta' l-azzar u tal-faħam b'hekk tista' tiġi affettwata b'żewġ modi. Tista' tiġi milquta minn miżuri nazzjonali li jirrigwardaw speċifikament u esklużivament l-industriji tal-faħam u l-azzar, bħas-sussidji jew l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-impriżi. Tista' tiġi milquta wkoll minn distorsjonijiet li jirriżultaw mid-diskrepanza bejn il-miżuri ta' politika ġenerali adottati mill-Istati Membri fil-kuntest tal-kompetenzi li huma żammu.

97. It-Trattat KEFA b'hekk ippreveda żewġ forom distinti ta' azzjoni kontra dawn id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni: l-Artikolu 4(c) KEFA u l-Artikolu 67 KEFA.

L-Artikolu 4(c) KEFA

98. L-Artikolu 4(c) KEFA jipprojbixxi, fil-prinċipju, l-għajnuna mill-Istat, fi ħdan is-suq komuni tal-faħam u l-azzar, in kwantu din tista' thedded it-twettiq ta' wieħed mill-objettivi essenzjali tiegħu, jiġifieri l-istabbiliment ta' sistema ta' kompetizzjoni ħielsa.

99. Skond din id-dispożizzjoni, huma rikonoxxuti bħala inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar u, għaldaqstant, għandhom ikunu mneħħija u pprojbiti taħt il-kundizzjonijiet previsti mit-Trattat KEFA, fi ħdan il-Kommunità "is-sussidji jew l-għajnuna mogħtija mill-Istati jew il-piżijiet speċjali imposti minnhom, taħt kwalunkwe forma". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

100. L-Artikolu 4(c) KEFA huwa fformulat b'mod strett. Il-Qorti tal-Ġustizzja irrilevat żmien ilu il-"ġeneralità [tiegħu] mhux wisq komuni" [33] u rrikonoxxiet l-applikabbiltà immedjata tiegħu [34]. Dan l-Artikolu jirrigwarda l-interventi diretti ta' l-Istati Membri fil-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar u jistabbilixxi regola ta' projbizzjoni pura u sempliċi li l-ksur tagħha qiegħed lill-Isatt Membru li jiksirha fi ksur sħiħ mat-Trattat KEFA.

101. L-imsemmija dispożizzjoni tipprojbixxi kull għajnuna mingħajr ebda restrizzjoni, b'mod li din titqies bħala inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar mingħajr m'hu meħtieġ li jiġi stabbilit, b'differenza mill-Artikolu 87(1) KE, jekk din taffettwax l-iskambji bejn l-Istati Membri jew jekk din tfixkilx jew theddidx li tfixkel il-kompetizzjoni [35].

33 — Sentenza De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq (p. 42).

34 — Sentenza Groupement des industries sidérurgiques luxembourgeoises vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq (p. 91).

35 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-501/00, Ġabra p. I-6717, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

102. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-kliem tiegħu, l-Artikolu 4(c) KEFA ma jistabbilixxi ebda distinzjoni bejn l-għajnuna individwali u l-iskemi ta' għajnuna u lanqas bejn l-iskemi ta' għajnuna speċifiċi jew non speċifiċi għas-settur tal-faħam u l-azzar.

103. Madankollu, kif ser naraw, il-projbizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni ma tfissirx barra minn hekk li kull għajnuna mill-Istat, mogħtija fi ħdan is-suq komuni tal-faħam u l-azzar, hija kkunsidrata bħala inkompatibbli ma' l-objettivi tat-Trattat KEFA. Effettivament, fl-istruttura tiegħu, l-Artikolu 4(c) KEFA ma jipprekludix li l-Kummissjoni tawtorizza, b'deroga, fuq il-bażi ta' l-ewwel u tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, għajnuna mill-Istat li tippermetti, b'mod konformi ma' l-objettivi tat-Trattat KEFA, li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet imprevisti.

L-Artikolu 67 KEFA

104. L-Artikolu 67 KEFA huwa maħsub biex jistabbilixxi koordinazzjoni politika bejn l-Istati Membri. Huwa intiz biex itaffi d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-diskrepanza bejn il-miżuri politiċi nazzjonali adottati mill-Istati Membri fil-kuntest tal-kompetenzi li huma żammu u li jistgħu jolqtu lis-suq ta' l-azzar u tal-faħam tal-Komunità.

105. L-imsemmija dispożizzjoni tobbliga lill-Istat Membru li jadotta miżura li jista' jkollha riperkussjoni sinjifikanti fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-industriji tal-faħam u l-azzar, biex jinnotifikaha lill-Kummissjoni. Jekk din l-azzjoni jkollha effetti dannużi għall-impriżi ta' l-azzar jew tal-faħam attivi fis-suq ta' dak l-Istat jew fi Stat Membru ieħor, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv u mal-Kunsill, jew tawtorizza l-għoti ta' għajnuna lil dawn l-impriżi, li l-ammont, il-kundizzjonijiet u t-tul ta' żmien tagħha huma ffissati bi qbil magħha, jew tindirizza rakkomandazzjoni lil dan l-Istat sabiex huwa jirrimedja l-effetti dannużi ta' l-azzjoni tiegħu permezz tal-miżuri li fil-fehma tiegħu jkunu l-iktar kompatibbli ma' l-ekwilibriju ekonomiku tiegħu.

106. Il-Qorti tal-Ġustizzja minn żmien ilu tat lil din id-dispożizzjoni interpretazzjoni restrittiva. Hija kkunsidrat li l-Artikolu 67 KEFA huwa dispożizzjoni korrettiva għan-natura parzjali ta' l-integrazzjoni mwettqa mit-Trattat KEFA.

107. Għaldaqstant, fis-sentenza Groupement des industries sidérurgiques luxembourgeoises vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 67 KEFA huwa "miżura ta' kumpens" li tippermetti "li jiġu annullati l-effetti ta' tfixkil għall-kompetizzjoni li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ma [jkunux] neħħew, u b'hekk li jiġi impedit li dan it-tfixkil [...], minħabba l-fatt li [jkun] baqa' jeżisti wara l-istabbiliment tas-suq komuni, jikkomprometti l-missjoni li l-Artikolu 2 tat-Trattat tat lill-Komunità 'b'mod

armonjuż ma' l-ekonomija ġenerali ta' l-Istati Membri'" [36].

108. Sussegwentement, fis-sentenza Compagnie des hauts fourneaux u fonderies de Givors *et* vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kunsidrat li l-Artikolu 67 KEFA jipprevedi unikament "miżuri ta' protezzjoni" kontra miżuri ta' l-Istati li ma jirrigwardawx b'mod dirett u immedjat l-industriji. Dawn il-miżuri ta' protezzjoni huma intizi biss biex "jiġu kkumpensati l-iżvantaġġi ekonomiċi li jirriżultaw, fis-suq komuni, minn azzjoni ta' Stat li l-[Kummissjoni ma jkollhiex] is-setgħa li twaqqaf direttament" [37].

109. Kien fis-sentenza De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddistingwiet bejn il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tal-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA billi kkunsidrat li dawn kienu jirrigwardaw "żewġ oqsma distinti" [38]. Il-qorti Komunitarja kkonstatat li l-Artikolu 67 KEFA ma jistax jirrigwarda l-istess miżuri bħal dawk iddikjarati bħala mħassra u pprojbiti mill-Artikolu 4(c) KEFA, u dan għal żewġ raġunijiet.

110. L-ewwel waħda hija marbuta ma' l-effett utli tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KEFA. Effettivament, il-Qorti tal-Ġustizzja rrimarkat li, jekk l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri, imħassra u pprojbita fuq il-bażi tal-Artikolu 4(c) KEFA, tista' tiġi permessa fuq il-bażi tal-Artikolu 67 KEFA (bl-eċċezzjoni tal-miżuri rrakkomandati mill-Kummissjoni), il-portata tal-projbizzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 4 KEFA tkun, fil-fehma tagħha, affettwata bil-kbir.

111. It-tieni waħda hija relatata mad-differenza tal-mezzi mpoġġija għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-implementazzjoni tal-Artikolu 67 KEFA. Effettivament, għall-kuntrarju tal-Artikolu 4 KEFA, li jagħti kompetenza esklużiva lill-Komunità, l-Artikolu 67 KEFA jirriżerva għal din ta' l-aħħar sempliċi setgħa ta' "rakkomandazzjoni".

112. Fl-aħħar, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret, f'sentenza iktar reċenti tal-5 ta' Ġunju 2001, ESF Elbe-Stahlwerke Feralpi vs Il-Kummissjoni [39], li l-Artikolu 67 KEFA "jirrigwarda unikament il-vantaġġi favur l-industrija ta' l-azzar li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni jew regolamenti ta' Stat marbuta mal-politika ekonomika ġenerali ta' l-Istat Membru kkonċernat, u mhux is-sussidji pubbliċi mogħtija speċjalment lill-industrija tal-faħam u l-azzar jew, bħal f'din il-kawża, lil impriża ta' l-azzar

36 — P. 97. Din il-kawża tirrigwarda piż fuq fjuwil solidu għal użu mhux domestiku. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan il-piż kien japplika bl-istes mod għall-operaturi industrijali kollha u b'hekk ma setax jitqies li japplika speċifikament u esklussivament għas-settur tal-faħam u l-azzar.

37 — P. 526.

38 — P. 47.

39 — T-6/99, Ġabra p. II-1523.

partikolari, li jaqgħu taħt l-Artikolu 4(c) [KEFA]" [40].

113. Jirriżulta minn din il-ġurisprudenza li l-objettiv tal-Artikolu 67 KEFA hu li jippermetti lill-Kummissjoni tawtorizza l-għoti ta' miżuri kumpensatorji jew "miżuri ta' protezzjoni" lil impriżi ta' l-azzar meta dawn ta' l-aħħar isofru minn miżuri ta' politika ekonomika ġenerali.

— L-opinjonijiet ta' l-Avukati Ġenerali dwar il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv ta' l-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA

114. L-eżami tal-konklużjonijiet mogħtija mill-Avukati Ġenerali fil-kawżi hawn fuq iċċitati jurina d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fid-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA meta mqabbel ma' dak tal-Artikolu 67 KEFA.

115. L-Avukati Ġenerali Lagrange, Roemer u Geelhoed kollha qablu li l-Artikolu 4(c) KEFA jikkonċerna biss is-sussidji speċjali li jirrigwardaw esklużivament lill-industrija tal-faħam u ta' l-azzar, filwaqt li l-vantaġġi li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni ġenerali għandhom jiġu evalwati fir-rigward tal-Artikolu 67 KEFA [41].

116. L-Avukat Ġenerali Lagrange, fil-Konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-5 ta' Novembru 1960 fil-kawża li tat lok għas-sentenza De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq, qis li wieħed ma setax "jeskludi *ipso jure* mill-kompetenza ta' l-Istati Membri dak kollu li, f'leġiżlazzjoni ta' dan it-tip, jirrigwarda speċjaljment l-industriji kollha [tal-KEFA] jew parti minnhom". Dan, fil-fehma tiegħu, ikun "estensjoni abużiva ta' l-azzjoni tal-KEFA f'qasam li huwa rriżervat għall-kompetenza ta' l-Istati". Sabiex issir distinzjoni bejn il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(c) KEFA u dawk imsemmija fl-Artikolu 67 KEFA, l-Avukat Ġenerali Lagrange ppropona li jintuża kriterju bbażat fuq l-"objettiv reali tal-miżura". Bħala eżempju tal-proposta tiegħu, huwa ħa l-eżempju ta' miżura leġiżlattiva li temenda l-modi ta' kif titħallas is-sigurtà soċjali u li tinkludi regoli partikolari għal ċerti professjonijiet (l-industriji tal-minjieri, per eżempju). Fil-fehma tiegħu, miżura ta' dan it-tip ma tistax tiġi meqjusa, *a priori*, bħala għajnuna jew sussidju pprojbit taħt l-Artikolu 4(c) KEFA. Peress illi l-objettiv ta' din il-miżura huwa wieħed soċjali u l-adozzjoni ta' regoli partikolari ta' finanzjament għal professjonijiet partikolari hija ġġustifikata minn raġunijiet leġittimi marbuta ma' l-objettivi segwiti mil-leġiżlazzjoni

40 — Punt 85.

41 — Dan l-argument ġie propost ukoll minn parti mill-akkademiċi legali. Ara, b'mod partikolari, P. Reuter, *op. cit.* (p. 194 u 195), kif ukoll J. Mertens de Wilmars, "*Aides CECA et aides CEE: Aspects juridiques d'une convergence économique*", *Du droit international au droit de l'intégration, Liber amicorum en l'honneur de Pierre Pescatore*, Nomos, Baden-Baden, 1987, p. 421.

ġenerali, din tibqa' fil-kompetenza nazzjonali u ma taqax taħt l-Artikolu 67 KEFA [42].

117. L-Avukat Ġenerali Roemer, min-naħa l-oħra, qis, fil-Konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fl-10 ta' Ġunju 1971 fil-kawża li tat lok għas-sentenza L-Olanda vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li l-intenzjoni ta' l-awturi tat-Trattat KEFA ma setgħetx kienet li jagħtu effett assolut lill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA.

118. Min-naħa waħda, peress li s-sussidji jikkostitwixxu strument ferm attwali tal-politika ekonomika, soċjali u industrijali, ma jkunx raġonevoli li l-industriji tal-faħam u l-azzar jitneħħew kompletament mill-azzjoni benefiċjarja li tirriżulta għalihom minn miżuri li l-Istati Membri jieħdu fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni ekonomika ġenerali tagħhom, u li jiġi kkunsidrat li fir-rigward ta' dawn l-industriji teżisti projbizzjoni assoluta ta' sussidji. Tali sistema tintroduċi lakuna sostanzjali fl-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' politika ekonomika ġenerali ta' l-Istati Membri.

119. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 KEFA u ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, li tippermetti li tiġi mitigata l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA, timplika proċedura pedantika (opinjoni konformi tal-Kunsill b'vot unanimu u konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv) u tkun teħtieġ l-eżistenza ta' kundizzjonijiet li diffiċli biex jintlaħqu (problemi fundamentali u persistenti ta' l-ekonomija).

120. Finalment, li jiġi ammess li l-Artikolu 4(c) KEFA jirrigwarda kull għajnuna li minnha jistgħu jibbenefikaw l-impriżi ta' l-azzar ikun ta' ħsara għall-iżvilupp armonjuż tal-Komunitajiet, peress li d-dispożizzjonijiet iddedikati għall-għajnuna fit-Trattat KE jipprevedu, huma wkoll, eċċezzjonijiet sinjifikanti għall-projbizzjoni ta' sussidji, u dan b'kunsiderazzjoni, għal darb'oħra, tal-kompetenzi li l-Istati Membri rriżervaw għalihom infushom.

121. Finalment, l-Avukat Ġenerali Geelhoed ikkunsidra, fil-Konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fit-8 ta' Frar 2001 fil-kawża li tat lok għas-sentenza Moccia Irme *et* vs Il-Kummissjoni [43], li fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [44], il-projbizzjoni ta' għajnuna stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA hija suġġetta biss għal żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel waħda hija bbażata fuq il-fatt li "il-miżura trid tkun taqa' taħt il-kategorija ta' 'sussidji jew għajnuna

42 — Min-naħa l-oħra, l-Avukat Ġenerali Lagrange jikkunsidra li, kieku kellu jiġi stabbilit li l-għan tal-miżura in kwistjoni ma kienx soċjali, iżda ekonomiku, u kien jikkonsisti jew fl-impożizzjoni fuq l-impriżi ta' piżijiet li normalment ma kinux ikunu soġġetti għalihom, jew li jiġu eżentati minn piż li normalment ikunu suġġetti għalih, din il-miżura tikkostitwixxi piż speċjali jew sussidju pprojbit taħt l-Artikolu 4(c) KEFA.

43 — Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2001 (C-280/99 P sa C-282/99 P, Ġabra p. I-4717).

44 — L-Avukat Ġenerali Geelhoed jirreferi għaż-żewġ sentenzi hawn fuq iċċitati Groupement des industries sidérurgiques luxembourgeoises vs L-Awtorità Għolja u De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja.

mogħtija mill-Istati'", u t-tieni waħda fuq il-fatt li "[din] għandha tirrigwarda *speċifikament u esklużivament* is-settur tal-faħam u l-azzar" [45].

— L-istabbiliment tas-sistema KEFA ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat

122. Minkejja l-projbizzjoni fil-prinċipju ta' għajnuna mill-Istat, stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi sistema li tawtorizza l-għoti ta' għajnuna mill-Istat lill-industrija ta' l-azzar, sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' kriżi li laqtet lil dan is-settur mit-tmiem tas-snin 70. Il-funzjonament ta' din is-sistema kellu jiġi kkoordinat mas-sistema ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat stabbilita mit-Trattat KE.

Il-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar

123. Il-prinċipji u l-mezzi ta' azzjoni stabbiliti fil-kuntest tat-Trattat KEFA kienu jirrispondu għas-sitwazzjoni li kienet teżisti fil-mument meta ġie ffirmat. Fl-ewwel lok dawn kienu orjentati lejn tkabbir tal-produzzjoni u aċċess ugwali għal dawk li jużaw il-prodotti tal-KEFA, mingħajr ebda diskriminazzjoni [46]. Dan l-orjentament jispjega l-istrettezza tar-regoli relatati mal-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar, bħall-projbizzjoni ġenerali tas-sussidji u ta' l-għajnuna mill-Istat, l-obbligu li jiġu ppubblikati l-listi ta' prezzijiet u t-tariffi tat-trasport kif ukoll il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni.

124. Din l-ewwel Komunità ta' integrazzjoni madankollu kienet ta' natura fundamentalment dinamika. Ċerti regoli tas-suq, stabbiliti mit-Trattat KEFA, kellhom jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' politika li qabel kollox kellha tindirizza l-problemi strutturali ta' l-ekonomija ta' l-industriji tal-faħam u ta' l-azzar [47].

125. Sabiex tindirizza l-ħtiġijiet tar-ristruttutar tas-settur ta' l-azzar, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-ewwel u tieni paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, biex tistabbilixxi skema Komunitarja li tawtorizza l-għoti ta' għajnuna mill-Istat għall-industrija ta' l-azzar f'ċerti każijiet limitati [48]. Kif diġà indikajt,

45 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 29 sa 41 ta' l-imsemmija konklużjonijiet (enfasizzati minni).

46 — Ara l-Artikoli 2 KEFA sa 4 KEFA.

47 — Għadd kbir ta' kummentaturi kkritikaw id-differenza bejn in-natura "statika" tar-regoli tat-Trattat KEFA u n-natura dinamika ta' dinja ekonomika fi progress kostanti. Ara, b'mod partikolari, W. Much, "*Principales tendances de l'évolution ta' droit de la Communauté européenne du charbon et de l'acier*", Rivista di diritto europeo, Ruma, 1965, p. 3, 13.

48 — Infakkar li l-Artikolu 95 KEFA jipprevedi mekkaniżmi differenti ta' adattament ġuridiku tat-Trattat KEFA għal sitwazzjonijiet li t-test ma kkunsidrax mingħajr madankollu m'hemm lok li ssir emenda ta' dan it-Trattat, li teħtieġ ratifika mill-Istati Membri skond il-proċeduri kostituzzjonali tagħhom. Ara, f'dak li jirrigwarda l-ġurisprudenza dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 95 KEFA, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2000, British Steel vs Il-Kummissjoni (C-1/98 P, Ġabra p. I-10349, punt 40).

is-sistema adottata mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-imsemmija dispożizzjoni ħadet il-forma ta' deċiżjonijiet ta' portata ġenerali, imsejħa "Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar".

126. Dawn il-Kodiċi jawtorizzaw, taħt ċerti kundizzjonijiet u wara l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, derogi għall-projbizzjoni fil-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 4(c) KEFA, favur kategoriji determinati ta' għajnuna li l-istess Kodiċi jelenkaw b'mod eżawrenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk tikkunsidra li dawn għandhom jiġu interpretati b'mod strett [49]. L-imsemmija Kodiċi huma wkoll ta' applikazzjoni limitata fiż-żmien, in kwantu jistabbilixxu regoli ta' adattament ta' l-industrija ta' l-azzar għall-objettivi tat-Trattat KEFA skond il-ħtiġijiet eżistenti f'perijodu partikolari [50].

127. L-Ewwel Kodiċi fih spjegazzjoni, li, fir-rigward ta' din il-kawża, għandha tiġi enfasizzata. Effettivament, skond l-Artikolu 1 tiegħu, dan il-Kodiċi jirrigwarda biss l-għajnuna mogħtija speċifikament lill-impriżi tal-faħam u l-azzar. Skond l-istess Kodiċi, l-applikazzjoni ta' skemi ta' għajnuna ġenerali u reġjonali għall-industrija ta' l-azzar tibqa' b'hekk suġġetta għall-kontroll tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 67 KEFA u tal-Artikoli 87 KE u 88 KE [51]. Il-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar suċċessivi jistabbilixxu sistema ta' kontroll differenti, peress li jissuġġettaw kull għajnuna li taqa' taħt il-kategoriji eżenti li huma jiddefinixxu għal trattament uniformi, fil-kuntest ta' proċedura waħda li taqa' taħt it-Trattat KEFA.

128. L-għajnuna li ma taqax taħt il-kategoriji msemmija mill-imsemmija Kodiċi tibqa' esklużivament suġġetta għall-Artikolu 4(c) KEFA. Din l-għajnuna madankollu tista' tibbenefika minn deroga individwali għall-projbizzjoni stabbilita fl-imsemmija dispożizzjoni jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma, fil-kuntest ta' l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha taħt l-Artikolu 95 KEFA, li din l-għajnuna hija meħtieġa għall-finijiet tat-twettiq ta' l-objettivi tat-Trattat KEFA [52].

Il-koordinazzjoni ta' l-iskemi ta' għajnuna KE u KEFA

129. Il-kwistjoni li jeħtieġ li nirrispondi tirrifletti ugwalment id-diffikultajiet mqajjma mill-koeżistenza taż-żewġ sistemi ġuridiċi li huma t-Trattati KE u KEFA. Effettivament, l-iżvilupp dejjem akbar tal-KE u l-elaborazzjoni, fi ħdanha, ta' sistema ta' regoli ta' kompetizzjoni fl-oqsma l-iktar diversi ta'

49 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Moccia Irme *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 40), u tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Settembru 1997, UK Steel Association vs Il-Kummissjoni (T-150/95, Ġabra p. II-1433, punt 114).

50 — Sentenza tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni, (C-74/00 P u C-75/00 P, Ġabra p. I-7869, punt 120).

51 — Ir-raba' premessa ta' l-Ewwel Kodiċi.

52 — Ara, b'mod partikolari, id-Digriet tat-3 ta' Mejju 1996, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-399/95 R, Ġabra p. I-2441, punt 20), u s-sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, iktar 'il fuq (punti 153 sa 155).

l-attività ekonomika, urew koinċidenzi fis-setturi ta' interess komuni. Il-koeżistenza ta' dawn iż-żewġ Komunitajiet qajmet b'hekk b'mod partikolari il-kwistjoni tal-koordinazzjoni tas-sistema tagħhom ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

130. Iż-żewġ Komunitajiet, flimkien mal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, huma elementi ta' kostruzzjoni kollettiva. Id-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mit-Trattati KE, KEFA u EURATOM b'hekk għandhom jiġu interpretati u applikati skond dan l-għan komuni, jiġifieri bħala li jiffurmaw parti minn sistema ġuridika waħda, intiża għal integrazzjoni ekonomika sħiħa. Madankollu, għandu jiġi mħares li tiġi rispettata l-ispeċifiċità tar-regoli stabbiliti minn kull wieħed minn dawn it-Trattati meta dawn ta' l-aħħar jispeċifikaw hekk.

131. F'dak li jirrigwarda t-Trattat KEFA, din ir-regola hija ffissata b'mod ċar u inekwivoku fl-Artikolu 305(1) KE. Din id-dispożizzjoni tippreċiża, fil-fatt, li "[i]d-disposizzjonijiet ta' dan it-[Trattat KE] m'għandhomx jolqtu l-dawk tat-Trattat [KEFA], b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri [...] u r-regoli stipulati minn dak it-Trattat għall-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u ta' l-azzar".

132. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk iddeċidiet ripetutament li r-regoli tat-Trattat KEFA u d-dispożizzjonijiet kollha adottati għall-applikazzjoni tiegħu jżommu, minkejja d-dħul fis-seħħ tat-Trattat KE, il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom [53]. Għaldaqstant, minn ġurisprudenza kostanti jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE huma applibbli biss b'mod sussidjarju, fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi fit-Trattat KEFA [54].

133. Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li t-Trattat KEFA jipprovdi regoli speċifiċi, b'tali mod li r-regoli derivati mit-Trattat KE ma japplikawx.

134. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fis-sentenza tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li d-"differenza ċara bejn il-kliem tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(c) [KEFA] u dawk ta' l-Artikolu [88](1) [KE] hija biżżejjed biex jiġi stabbilit li, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta' għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri ma kellhomx l-intenzjoni jżommu l-istess regoli u lanqas l-istess kamp ta' intervent tal-Komunitajiet" [55].

53 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Lulju 1982, Franza, L-Italja u r-Renju Unit vs Il-Kummissjoni (188/80 sa 190/80, Ġabra p. 2545, punti 30 u 31), kif ukoll tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Marzu 1999, Forges de Clabecq vs Il-Kummissjoni, (T-37/97, Ġabra p. II-859, punt 132 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 — Ara b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda leġiżlazzjoni marbuta mar-rifużjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1987, Deutsche Babcock Handel (328/85, Ġabra p. 5119 punti 6 sa 14).

55 — Punt 102.

135. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din l-analiżi fis-sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. F'din il-kawża, ir-Renju ta' Spanja akkuża lill-Kummissjoni li eżaminat il-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji fir-rigward tal-Artikolu 4(c) KEFA [56]. Din il-leġiżlazzjoni, li kienet applikabbli qabel l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja fil-Komunitajiet Ewropej, kienet tippermetti li jingħata tnaqqis fiskali lill-impriżi għall-ispejjeż u l-investimenti mwettqa barra minn pajjiżhom. Wara li ġiet avżata minn impriżi kompetituri ta' l-impriżi benefiċjarji, il-Kummissjoni fetħet proċedura bil-għan li tiġi eżaminata l-legalità ta' l-għajnuna kontenzjuża biss fir-rigward tar-regoli tat-Trattat KEFA. Effettivament, għall-kuntrarju tat-Trattat KE, it-Trattat KEFA ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "għajnuna eżistenti". Wara li kkonstatat li l-iskema ta' tnaqqis fiskali in kwistjoni setgħet tagħti vantaġġ lill-impriżi ta' l-azzar, il-Kummissjoni ddeċidiet li kull għajnuna mogħtija mir-Renju ta' Spanja, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni in kwistjoni, favur impriżi ta' l-azzar tal-KEFA, ma kinitx kompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar, skond l-Artikolu 4(c) KEFA.

136. Fil-kuntest tar-rikors tiegħu, ir-Renju ta' Spanja argumenta b'mod partikolari li l-esklużjoni ta' l-impriżi ta' l-azzar mill-benefiċċju tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni kienet tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-impriżi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-aggravju ma kienx fondat safejn "l-impriżi ta' l-azzar, safejn huma koperti mid-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat KEFA, mhumiex fl-istess sitwazzjoni bħall-impriżi l-oħra" [57].

137. Fir-rigward ta' din il-ġurisprudenza, l-impriżi li jeżerċitaw attivitajiet ta' produzzjoni li jaqgħu taħt it-Trattat KEFA b'hekk jinsabu f'sitwazzjoni differenti minn impriżi oħrajn li jaqgħu taħt it-Trattat KE. Dan jirriżulta mir-regoli speċifiċi stabbiliti mit-Trattat KEFA biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar u biex jiġu indirizzati l-problemi strutturali tiegħu. Anki jekk it-Trattat KE jistabbilixxi sistema ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat ferm iktar flessibbli mit-Trattat KEFA, dawk l-impriżi jibqgħu suġġetti għaldaqstant għar-regoli speċifiċi stabbiliti minn dan ta' l-aħħar [58].

138. Il-konklużjonijiet li nistgħu nieħdu, għall-kawża preżenti, mil-elementi hawn fuq imsemmija huma dawn,

56 — Is-suġġett ta' din il-kawża kien rikors għal annullament ippreżentat mir-Renju ta' Spanja kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/168/KEFA tal-31 ta' Ottubru 2000, dwar il-liġijiet Spanjoli fuq it-taxxa fuq il-kumpanniji (ĠU 2001, L 60, p. 57).

57 — Punt 127. Ara wkoll is-sentenza Forges de Clabecq vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 132).

58 — Huwa minnu li l-Artikolu 87 KE jinkludi projbizzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat. Madankollu, din il-projbizzjoni mhux biss hija immedjatament suġġetta għal diversi derogi iżda, barra minn hekk, m'hijiex, la fil-prinċipju u minkejja l-formulazzjoni ġenerali tagħha, ta' natura assoluta bħal dik prevista mit-test tat-Trattat KEFA jekk m'hu għal xejn minħabba li din tinkludi diġà l-kriterju doppju, li għandha tkun ikkonċernata għajnuna li,fl-ewwel lok, tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u li, fit-tieni lok, tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet.

— It-Trattat KEFA jipprevedi sistema ta' kontroll speċifika ta' l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar, adattata għall-kundizzjonijiet tal-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar. Din is-sistema hija stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA kif ukoll mid-diversi Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar. Skond l-Artikolu 305(1) KE, u fid-dawl tal- ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE japplikaw fuq b'mod sussidjarju.

— Skond l-Artikolu 4(c) KEFA, l-għajnuna mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar hija inkompatibbli mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar, sakemm din ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-eżenzjonijiet espressament previsti u debitament awtorizzati mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar [59].

— Safejn it-Trattat KEFA jikseb biss integrazzjoni parzjali, l-Artikolu 67 KEFA jippermetti lill-Kummissjoni tagħti miżuri kumpensatorji għall-benefiċċju ta' impriża ta' l-azzar meta din issofri mill-azzjoni li Stat Membru adotta fil-kuntest tal-politika ekonomika ġenerali tiegħu. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat KE, l-applikazzjoni tiegħu għandha tikkunsidra l-eżistenza ta' sistema KE ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

59 — Kif diġà indikajt qabel, għajnuna tista' tiġi awtorizzata wkoll fuq il-bażi ta' deċiżjoni individwali.

139. Wara li l-kwistjonijiet tal-każ ġew hekk imfakkar, ser nispjega għalfejn fil-fehma tiegħi l-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet tikkunsidra li l-eżami ta' l-għajnuna in kwistjoni kien jaqa' ferm taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA.

ii) Is-soluzzjoni li nipproponi

140. Fil-kawża preżenti, niftakkru li, l-għajnuna in kwistjoni tikkostitwixxi għajnuna individwali li kienet ġiet mogħtija lil impriża ta' l-azzar b'applikazzjoni ta' skema awtorizzata minn qabel mill-Kummissjoni fuq il-bażi tat-Trattat KE.

141. Jirriżulta mill-elementi tal-proċess li l-għajnuna in kwistjoni tidħol fil-kuntest ta' politika ġenerali intiża sabiex jiġu rrimedjati l-iżvantaġġi ekonomiċi speċifiċi li minnhom issofri z-Zonenrandgebiet. Hija z-ZRFG li tiffissa l-objettivi u l-kuntest li fih jiġu adottati l-miżuri ta' eżekuzzjoni, bħal dawk in kwistjoni. Għaldaqstant huwa diffiċli li tiġi

evalwata l-għajnuna kontenzjuża b'mod iżolat, peress li din hija l-espressjoni ta' politika koerenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Fi kliem ieħor, iz-ZRFG tikkostitwixxi l-bażi ġuridika li fuqha l-miżuri konkreti kollha ta' applikazzjoni huma adottati u li tippermetti li dawn jiġu kkunsidrati bħala interdipendenti. Minn din il-perspettiva, ma nistax ma nirrikonoxxix li l-applikazzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni għal Salzgitter hija maħsuba biex tikkontribwixxi għat-twettiq ta' proġett ikbar, dak li jiġi żgurat żvilupp bilanċjat fl-ekonomija ta' dan ir-reġjun li jinsab mal-fruntjiera. Fil-fehma tiegħi huma essenzjalment dawn l-objettivi ġenerali li ddeterminaw l-adozzjoni taz-ZRFG u ta' l-għajnuna in kwistjoni. Għaldaqstant huwa diffiċli għaliha biex nafferma, fid-dawl ta' l-elementi għaddispożizzjoni tiegħi, li l-industrija ta' l-azzar ġiet meħuda in kunsiderazzjoni bħala tali u li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppruvat issostniha speċjalment, abbażi tal-ħtiġijiet partikolari tagħha. Fi kwalunkwe każ, l-industrija ta' l-azzar ma kinitx weħidha li bbenefikat mill-inċentivi fiskali previsti miz-ZRFG, u l-ammortamenti straordinarji kif ukoll ir-riżervi eżenti mit-taxxa ma kinux ġew irriżervati għaliha esklużivament.

142. Għaldaqstant, ma ninstabux fil-kuntest ta' miżuri adottati *speċjalment u esklużivament* favur l-impriżi ta' l-azzar. Kieku dan kien il-każ, ma kien ikun hemm ebda dubju dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA.

143. Għaldaqstant x'inhi n-natura ta' l-għajnuna in kwistjoni?

144. Fil-kawża preżenti, Salzgitter issostni, effettivament, li l-għajnuna li minnha hija bbenefikat tikkostitwixxi miżura ta' eżekuzzjoni individwali ta' skema ġenerali ta' għajnuna li kienet ġiet preċedentement awtorizzata mill-Kummissjoni. Għaldaqstant hija targumenta li hija ma kinitx obbligata tinnotifika din il-miżura individwali fuq il-bażi tat-Trattat KEFA u tibbaża ruħha, f'dan ir-rigward, fuq is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, L-Italja vs Il-Kummissjoni [60].

145. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri individwali ta' eżekuzzjoni ta' skema ġenerali ta' għajnuna li kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni ma kellhomx għalfejn jiġu nnotifikati lilha, ħlief jekk id-deċiżjoni ta' approvazzjoni kienet suġġetta għal riżervi f'dan is-sens. Effettivament, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li "[peress] li l-għajnuna individwali hija sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni ta' l-iskema ġenerali ta' għajnuna, il-fatturi li l-Kummissjoni għandha tqis biex tevalwaha huma l-istess bħal dawk li hija applikat fl-eżami ta' l-iskema ġenerali". Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk ikkonkludiet li jkun inutli li l-għajnuna individwali tiġi suġġetta għal eżami ġdid mill-Kummissjoni [61].

60 — C-47/91, Ġabra p. I-4635.
61 — Punt 21.

146. Fil-kawża preżenti, il-kwistjoni għaldaqstant hija jekk l-għajnuna mħallsa lil Salzgitter tikkostitwixxix sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni individwali taz-ZRFG — li, fid-dawl tal-ġurisprudenza iċċitata iktar 'il fuq, ma jkollhiex għalfejn tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni — jew jekk din l-għajnuna għandha, għall-kuntrarju, tiġi evalwata indipendendement miz-ZRFG.

147. Anki jekk l-għajnuna in kwistjoni tista' titqies bħala wieħed mill-elementi ta' politika ġenerali fil-qasam ekonomiku, industrijali, reġjonali u soċjali, jiena xorta waħda ma naħsibx li din tikkonsisti f'sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni individwali li, fid-dawl tal-ġurisprudenza invokata minn Salzgitter, ma teħtiġx li tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

148. Effettivament, jiena tal-fehma li l-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija m'hijiex applikabbli għall-każ preżenti. Fil-kawża li tat lok għas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, l-għajnuna individwali in kwistjoni kif ukoll l-iskema ġenerali ta' għajnuna fil-kuntest li fih ingħatat, kienu jirrigwardaw biss impriżi li jaqgħu taħt it-Trattat KE.

149. Dan m'huwiex il-każ fil-kawża preżenti. Effettivament, l-impriżi benefiċjarji taz-ZRFG jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ Trattati KE u KEFA. Issa, kif diġà indikajt, it-Trattat KEFA u r-regoli adottati fuq il-bażi tiegħu jistabbilixxu sistema speċifika ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat li għaliha huma suġġetti l- impriżi ta' l-azzar. Il-fatturi li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra biex tevalwa l-kompatibbiltà ta' l-għajnuna in kwistjoni b'hekk huma differenti skond jekk il-miżuri humiex ta' benefiċċju għal impriżi li jaqgħu taħt it-Trattat KE jew taħt it-Trattat KEFA.

150. L-għoti ta' l-għajnuna in kwistjoni lil Salzgitter b'hekk ma jikkostitwixxix sempliċi miżura ta' eżekuzzjoni individwali taz-ZRFG, peress li l-eżami tal-kompatibbiltà ta' din għandu jkun suġġett għar-regoli partikolari li t-Trattat KEFA jistabbilixxi għall-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

151. Evidentement, l-objettiv m'huwiex li l-industriji ta' l-azzar u tal-faħam jiġu mċaħħda mill-benefiċċji eventwali ta' miżura ta' politika ġenerali. L-intenzjoni tiegħi lanqas m'hi, kif issostni r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li naċċetta l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA għall-iskemi ġenerali ta' għajnuna. L-analiżi tiegħi hija bbażata unikament fuq l-għan aħħari tas-sistema stabbilita mit-Trattat KEFA u fuq il-ħtieġa li tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' miżuri, bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, fir-rigward tas-sitwazzjoni partikolari tas-suq ta' l-azzar u tar-regoli speċifiċi previsti minn dan it-Trattat. Huwa f'dan ir-rigward li l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi, li jeżiġi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni il-"proġetti intiżi biex japplikaw għas-settur ta' l-azzar skemi ta' għajnuna li fir-rigward tagħhom hija diġà tkun iddeċidiet fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat [KE]" [traduzzjoni mhux uffiċjali], jieħu t-tifsira sħiħa tiegħu.

152. Fid-dawl ta' l-elementi hawn fuq imsemmija, nikkunsidra għaldaqstant li l-eżami ta' l-għajnuna in kwistjoni, anki jekk din tidħol fil-kuntest ta' skema ġenerali ta' għajnuna preċedentement awtorizzata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tat-Trattat KE, għandu jsir, b'mod iżolat, fid-dawl tar-regoli tat-Trattat KEFA.

153. Il-kwistjoni b'hekk hija jekk l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna kontenzjuża għandhiex issir fuq il-bażi tal-Artikolu 4(c) KEFA jew tal-Artikolu 67 KEFA.

154. Jiena tal-fehma li l-Artikolu 67 KEFA m'huwiex applikabbli f'din il-kawża.

155. Kif diġà indikajt [62], il-Qorti tal-Ġustizzja ilha ħafna li tat interpretazzjoni restrittiva ta' din id-dispożizzjoni billi kkunsidrata bħala "miżura ta' protezzjoni" kontra miżuri ta' l-Istat li m'għandhomx effett dirett u immedjat fuq l-industriji tal-faħam u l-azzar iżda li xorta waħda huma tali li jaffettwaw, permezz ta' l-effetti tagħhom, il-pożizzjoni kompetittiva ta' dawn ta' l-aħħar [63]. L-imsemmija dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri jagħtu għajnuna lill-impriżi ta' l-azzar li jkunu sfaw vittmi ta' azzjoni mill-Istat adottata fil-kuntest tal-politika ekonomika ġenerali tagħhom. Din l-għajnuna hija rimedju, li l-ammont, il-kundizzjonijiet u t-tul ta' żmien tagħha huma suġġetti għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Ma naħsibx li, l-Artikolu 67 KEFA jista' jilleġittima sistema ta' sussidji li minnha jibbenefikaw l-impriżi ta' l-azzar biss għall-fatt li din hija għajnuna mhux speċifika, jiġifieri li tikkonċerna simultanjament is-setturi tal-faħam u l-azzar u setturi ekonomiċi oħra [64].

156. Fil-każ preżenti, huwa evidenti, fil-fehma tiegħi, li l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter ma tikkostitwixxix miżura ta' kumpens fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Effettivament, mill-elementi tal-proċess ma jirriżultax li din l-għajnuna ngħatatilha biex jiġu rrimedjati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li hija soffriet minħabba l-adozzjoni taz-ZRFG.

157. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni ma kinitx taqa' taħt l-Artikolu 67 KEFA. Bħall-Kummissjoni, jiena tal-fehma, għall-kuntrarju, li l-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar kellha tiġi eżaminata fuq il-bażi tal-Artikolu 4(c) KEFA u tar-regoli stabbiliti fis-Sitt Kodiċi.

62 — Ara l-punt 108 ta' dawn il-konklużjonijiet.

63 — Sentenza Compagnie des hauts fourneaux u fonderies de Givors *et* vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq (p. 526).

64 — Ara, f'dan ir-rigward, Mertens de J. Wilmars, *op. cit.*, (p. 429).

158. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kliem wiesgħa tal-Artikolu 4(c) KEFA, li jirrigwarda, infakkar "l-għajnuna mogħtija mill-Istati [...], *taħt kwalunkwe forma*"[65] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fid-dawl ta' l-elementi li elaborajt, naħseb li din id-dispożizzjoni b'hekk tinkludi kull għajnuna mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar, irrispettivament mill-forma jew l-oriġini tagħha, kemm jekk ingħatat speċifikament lil impriża ta' l-azzar kif ukoll jekk hija adottata b'applikazzjoni ta' skema ġenerali jew reġjonali ta' għajnuna. Wieħed m'għandux jinsa li din id-dispożizzjoni ġiet abbozzata fl-1951, anki qabel ma ġiet stabbilita l-KEE, u l-elaborazzjoni ta' kontroll tas-sistemi ġenerali jew reġjonali ta' l-għajnuna mill-Istat.

159. L-interpretazzjoni li nissuġġerixxi għal din id-dispożizzjoni tippermetti li jiġi żgurat trattament uniformi ta' l-għajnuna kollha mogħtija lis-settur ta' l-azzar sabiex din tkun suġġetta għal dixxiplina koerenti u effikaċi.

160. Din is-soluzzjoni tippermetti, barra minn hekk, li jiġi żgurat trattament ugwali bejn l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi. Effettivament, fil-fehma tiegħi, ikun kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali jekk jiġi awtorizzat l-għoti ta' għajnuna lil impriża ta' l-azzar minħabba li din tingħata taħt skema ġenerali ta' għajnuna u li tiġi rrifjutata, min-naħa l-oħra, taħt l-Artikolu 4(c) KEFA, għajnuna li l-ammont, il-kundizzjonijiet u t-tul ta' żmien tagħha jkunu kważi identiċi, għas-sempliċi raġuni li tkun tikkonsisti f'għajnuna mogħtija speċifikament lil impriża ta' l-azzar. Kieku dan kien il-każ, l-Istati Membri jistgħu jkunu mħeġġa li jadottaw skemi ġenerali ta' għajnuna li, fil-prattika, jibbenefikaw biss lill-impriżi fis-setturi ta' l-azzar u l-faħam. Stat Membru jkun jista', per eżempju, jadotta skema reġjonali ta' għajnuna, li tkun awtorizzata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tat-Trattat KE, iżda li tkun tibbenefika lil reġjuni li fihom huma stabbiliti impriżi li fil-biċċa l-kbira tagħhom jaqaw taħt is-setturi tal-faħam u l-azzar. Din is-sitwazzjoni inevitabbilment twassal għal riskju li l-projbizzjoni fil-prinċipju ta' għajnuna mill-Istat, stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA, titlef kull effett utli tagħha u tkun evitata favur ir-regoli iktar flessibbli tat-Trattat KE.

161. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 67 KEFA, jiena tal-fehma li dan ikopri l-miżuri kollha li jippermettu li jiġu kkumpensati l-effetti ta' ħsara li jsofru l-impriżi ta' l-azzar minħabba regoli ta' politika ekonomika ġenerali, bl-eċċezzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat li l-kundizzjonijiet ta' għoti tagħha huma rregolati speċifikament fl-Artikolu 4(c) KEFA u mill-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar.

162. Fid-dawl ta' l-elementi hawn fuq ippreżentati, għaldaqstant jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza m'għamlet ebda żball ta' dritt meta ddeċidiet, fil-punt 116 tas-sentenza appellata, li l-għajnuna in kwistjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA.

65 — Enfasi tiegħi.

163. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrespinġi l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju.

2. Fuq it-tieni parti ta' l-ewwel aggravju, ibbażata fuq żball ta' dritt imwettaq fir-rigward ta' l-evalwazzjoni tal-kompetenzi tal-Kummissjoni

164. Permezz tat-tieni parti ta' l-ewwel aggravju, Salzgitter tqis li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti biex testendi, fil-kuntest ta' l-għajnuna għall-industrija ta' l-azzar, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar fuq il-bażi ta' skema ġenerali ta' għajnuna awtorizzata fuq il-bażi tat-Trattat KE. Billi għamlet hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza, meta ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet b'mod validu tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 4(c) KEFA għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tagħha ta' l-għajnuna in kwistjoni, evalwat, b'mod żbaljat, il-firxa tal-kompetenzi tagħha.

a) Argumenti tal-partijiet

165. Salzgitter, li għandu jiġi mfakkar, targumenta favur interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 4(c) KEFA, tikkunsidra li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti li testendi, fil-kuntest ta' Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għall-iskemi ta' għajnuna mhux speċifiċi għas-settur tal-faħam u l-azzar. Hija ssostni li effettivament, dan jimplika emenda tat-Trattat KEFA. Issa, l-ewwel u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, li fuqu huma bbażati d-diversi Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, ma jipprovdix bażi ġuridika adattata għal tali emenda. Skond Salzgitter, il-Kummissjoni kien imissha, biex tagħmel dan, irrispettat il-proċedura prevista jew fit-tielet u r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, jew fl-Artikolu 96 KEFA.

166. Il-Kummissjoni ssostni, min-naħa tagħha, li hija ma emendatx il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA,peress li t-test ta' din id-dispożizzjoni baqa' l-istess mit-23 ta' Lulju 1952. Għaldaqstant, hija m'għamlet ebda reviżjoni tat-Trattat KEFA [66].

b) Evalwazzjoni

167. Fil-kuntest ta' din il-parti, Salzgitter tikkontesta l-proċedura adottata mill-Kummissjoni li, skond hija, testendi, fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA. Qabel ma tiġi eżaminata l-fondatezza ta' dan l-ilment, għandhom jiġu mfakkra d-diversi mekkaniżmi ta' emendi ġuridiċi previsti fit-Trattat KEFA u li ssostni Salzgitter.

66 — Punt 61 tar-replika.

168. Il-proċedura normali ta' reviżjoni ta' dan it-Trattat hija stabbilita fl-Artikolu 96 KEFA. Fil-verżjoni oriġinali tagħha, li kienet għadha fis-seħħ meta ġew adottati t-Tieni u t-Tielet Kodiċi, din id-dispożizzjoni kienet tippermetti lil kull Stat Membru u lill-Kummissjoni jipproponu emendi għall-imsemmi Trattat. Dawn l-emendi kienu adottati bi qbil komuni mill-konferenza tar-rappreżentanti permanenti ta' l-Istati Membri.

169. F'opinjoni mogħtija fis-17 ta' Diċembru 1959 [67], il-Qorti tal-Ġustizzja, mistoqsija fuq il-bażi tat-tielet u r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, kkonstatat li ma jistax ikun hemm deroga minn din il-proċedura "ħlief fil-każijiet fejn ma jkunx hemm preġudizzju la għall-istruttura ġenerali tat-Trattat u lanqas għar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri, u b'mod partikolari għar-relazzjonijiet bejn is-setgħat trasferiti lill-Komunità u s-setgħat riżervati għall-Istati Membri, u li huwa biss f'dawn il-każijiet li [setgħet] tiġi adottata l-proċedura tar-'reviżjoni żgħira'" .

170. Il-proċedura tar-'reviżjoni żgħira' hija prevista fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA. L-emendi proposti mill-Kummissjoni u l-Kunsill huma suġġetti għall-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li hija msejħa tevalwa, kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt, il-konformità tal-proposti mad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi paragrafu.

67 — Ġabra p. 551, 556.

171. I-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA jistabbilixxi li:

— dawn l-emendi għandhom ikollhom bħala għan "l-adattament tar-regoli dwar l-eżerċizzju mill-[Kummissjoni] tas-setgħat mogħtija lilha";

— dawn l-emendi ma jistgħux jiġu proposti ħlief "jekk minħabba diffikultajiet imprevisti, li jirriżultaw mill-esperjenza [...] jew minn bidla profonda fil-kundizzjonijiet ekonomiċi jew tekniċi l taffettwa direttament lis-suq komuni tal-faħam u l-azzar, ikun meħtieġ [tali] adattament";

— barra minn hekk, dan l-adattament għandu jwassal għal emendi xierqa, u finalment,

— dawn l-emendi la jistgħu jippreġudikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 KEFA sa 4 KEFA u lanqas ir-relazzjoni tas-setgħat attribwiti rispettivament lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Komunità.

172. Fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, dan jippermetti

lill-Kummissjoni tadotta deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, fil-każijiet kollha mhux previsti fit-Trattat KEFA, meta din id-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni tidher li tkun meħtieġa biex jinkiseb, fil-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar u b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 KEFA, wieħed mill-objettivi tal-Komunità, kif definiti fl-Artikoli 2 KEFA sa 4 KEFA. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew tirrakkomanda fuq opinjoni konformi tal-Kunsill, li jiddeċiedi fuq bażi unanima, u wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv.

173. Nistgħu naraw mingħajr wisq diffikultajiet id-differenzi formali bejn iż-żewġ ipoteżi previsti fl-Artikolu 95 KEFA. Fil-kuntest ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, dan jippermetti lill-Kummissjoni biex timla lakuna fit-Trattat KEFA li tipparalizza l-azzjoni tagħha billi jippermettilha *tadotta deċiżjoni jew rakkomandazzjoni* f'każ mhux previst f'dan it-Trattat, iżda mingħajr ta' temendah. Barra minn hekk, hija meħtieġa minn qabel opinjoni konformi mill-Kunsill adottata fuq bażi unanima. Fil-kuntest tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA, dan jikkonsisti *f'emenda ta' dispożizzjoni ta' l-imsemmi Trattat* "dwar l-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat mogħtija lilha" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-unanimità tal-Kunsill m'hijiex meħtieġa, iżda opinjoni favorevoli tal-Qorti tal-Ġustizzja u vot tal-Parlament Ewropew huma meħtieġa.

174. Fil-każ preżenti, Salzgitter takkuża lill-Kummissjoni li bbażat ruħha fuq l-ewwel u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA fil-kuntest tad-diversi Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, meta hija kien imissha osservat il-proċedura prevista jew fl-Artikolu 96 KEFA, jew fit-tielet u r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA.

175. Fid-dawl tal-konklużjonijiet li stabbilixxejt fil-kuntest ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, nemmen li dan l-ilment m'huwiex fondat.

176. Effettivament, jekk, skond kif naħseb, l-Artikolu 4(c) KEFA huwa applikabbli għall-għajnuna mogħtija lill-impriżi ta' l-azzar taħt skema ġenerali ta' għajnuna, allura l-Kummissjoni ma estendietx il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni meta hija adottat ir-regoli stabbiliti fil-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar. Meta wieħed iqis li hija kienet tinsab f'sitwazzjoni mhux prevista mit-Trattat KEFA fejn hija kienet meħtieġa taġixxi, jidhirli li l-Kummissjoni setgħet leġittimament tibbaża ruħha fuq l-ewwel u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA biex tindirizza, permezz ta' l-imsemmija regoli, il-ħtiġijiet ta' ristrutturar tas-suq ta' l-azzar.

177. Għaldaqstant jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza, f'dan ir-rigward, ma għamlet ebda żball ta' dritt u nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrespinġi t-tieni parti ta' l-ewwel aggravju.

3. Fuq it-tielet parti ta' l-ewwel aggravju, ibbażata fuq żball ta' dritt imwettaq fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni

178. Permezz ta' t-tielet parti ta' l-ewwel aggravju, Salzgitter issostni li, fil-punti 112 *et seq* tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreżentat il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni b'mod żbaljat [68].

a) Argumenti tal-partijiet

179. Salzgitter issostni li huwa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEFA fl-1952, u mhux fil-bidu tas-snin 70, li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-Artikolu 4(c) KEFA kien japplika unikament għall-għajnuna speċifika favur l-impriżi ta' l-azzar. F'dan ir-rigward, Salzgitter tibbaża ruħha fuq ir-rapport ippubblikat mill-Awtorità Għolja tal-KEFA fl-1963, intitolat "It-Trattat KEFA mill-1952 sa l-1962", fuq it-test tar-raba' premessa ta' l-Artikolu 1 ta' l-ewwel Kodiċi, fuq il-pożizzjoni difiża mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-IX rapport tagħha fuq il-politika tal-kompetizzjoni kif ukoll fuq il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni fis-settur tal-faħam. Salzgitter takkuża, b'mod partikolari, lill-Qorti tal-Prim'Istanza li kkunsidrat, fil-punt 115 tas-sentenza appellata, li t-Tieni Kodiċi ta' l-azzar kellu l-għan li jirrestitwixxi lill-Artikolu 4(c) KEFA l-portata oriġinali tiegħu, meta din, fir-realtà, kienet emenda mhux awtorizzata tat-Trattat KEFA.

180. Il-Kummissjoni tqis li l-fatt li hija ddefendiet perspettiva differenti fir-rigward tal-Artikolu 4(c) KEFA, qabel it-Tielet Kodiċi, m'huwiex sinjifikattiv għall-għajnuna mogħtija lil Salzgitter in kwantu din il-perspettiva ma kienet ġiet imniżżla f'ebda att individwali li jista' jsir definittiv fir-rigward ta' l-impriża benefiċjarja qabel l-1 ta' Jannar 1986 [69].

b) Evalwazzjoni

181. Fil-punti 112 sa 117 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreżentat ir-regoli li adottat il-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-Ewwel u t-Tieni Kodiċi. Din l-espożizzjoni, għalkemm ma tirrigwardax ir-regoli applikabbli għall-kawża preżenti, madankollu tippermetti li jiġi evalwat il-kuntest ġuridiku tal-kawża u titfa dawl fuq il-bidliet fl-interpretazzjoni tal-Kummissjoni.

68 — Punti 122 sa 138 tar-risposta u appell inċidentali.

69 — Punt 62 tar-replika.

182. Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni din ta' l-aħħar, dan m'huwiex insinjifikattiv fil-kuntest ta' din il-kawża.

183. Fil-punt 112 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li "fil-bidu tas-snin 70 u sa l-adozzjoni [tat-Tieni Kodiċi], il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Artikolu 4(c) KEFA huwa applikabbli għall-għajnuna speċifika favur l-impriżi li joperaw fl-industrija ta' l-azzar biss". Sussegwentement hija osservat, fil-punt 115 ta' l-imsemmija sentenza, li "[mill-imsemmi Kodiċi], il-Kodiċi jipprevedu 'l-għajnuna kollha għall-industrija ta' l-azzar [...] kemm jekk huma speċifiċi u kemm jekk le', *din il-preċiżjoni għandha biss bħala suġġett li tagħti lura lill-Artikolu 4(c) KEFA l-portata oriġinali* [70] ".

184. Fil-kuntest ta' din il-parti, Salzgitter tikkritika għal darb'oħra l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward tal- "portata oriġinali" tal-Artikolu 4(c) KEFA. Hija fil-fatt targumenta li kien sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEFA, u mhux biss mis-snin 70 u l-adozzjoni tat-Tieni Kodiċi, li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni kien limitat għall-għajnuna speċifika favur l-impriżi ta' l-azzar.

185. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li stabbilixxejt fil-kuntest ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, nemmen li l-Qorti tal-Prim'Istanza ppreżentat b'mod korrett il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni, u b'hekk nikkunsidra li l-argument ta' Salzgitter ma jistax jiġi aċċettat.

186. Għaldaqstant nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrespinġi t-tielet parti ta' l-ewwel aggravju bħala infondata u, għaldaqstant, li tiċħad l-ewwel aggravju fit-totalità tiegħu.

B — *Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata*

187. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, Salzgitter targumenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt meta ddeċidiet, fil-punt 184 tas-sentenza appellata, li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kienet tirrispetta r-rekwiżiti stabbiliti mit-Trattat KEFA [71].

1. Argumenti tal-partijiet

188. Salzgitter issostni li l-Kummissjoni ma timmotivax ir-raġunijiet għalfejn hija

70 — Enfasi tiegħi.

71 — Punt 139 sa 142 tar-risposta u appell inċidentali.

tbegħdet mill-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha billi applikat l-Artikolu 4(c) KEFA għal għajnuna mhux speċifika għas-setturi tal-faħam u l-azzar, kuntrarjament għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u bi ksur tal-Artikolu 67 KEFA.

189. Salzgitter targumenta wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tispjega għalfejn l-evalwazzjoni tagħha kienet titbiegħed mill-prassi deċiżjonali tagħha dwar is-settur tal-faħam.

190. Finalment, Salzgitter takkuża lill-Kummissjoni li ma tatx ir-raġunijiet għalfejn id-deċiżjoni kkontestata kienet titbiegħed mill-prassi deċiżjonali tagħha f'każijiet simili, bħal fil-kawża li tat lok għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/347/KEFA [72].

191. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrimarka li l-iżvilupp tal-kunċett ġuridiku tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tal-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA kien jimplika li kellha tingħata motivazzjoni u ġustifikazzjoni akbar fid-deċiżjoni kkontestata [73].

192. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, targumenta li l-prassi tagħha inbidlet mid-dħul fis-seħħ tat-Tielet Kodiċi u li din hija mmotivata biżżejjed fuq dan il-punt [74]. Hija tirrifjuta l-eżistenza ta' obbligu ta' motivazzjoni partikolari, billi tqis li d-dmirijiet tagħha huma rregolati, b'mod eżawrenti, fit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 15 KEFA u fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 KEFA (konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv u opinjoni konformi tal-Kunsill).

2. Evalwazzjoni

193. Fuq bażi preliminari, infakkar li l-kwistjoni tal-portata ta' l-obbligu ta' motivazzjoni hija kwistjoni ta' dritt li tista' tiġi suġġetta għall-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta'appell. Aggravju ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-portata ta' dan l-obbligu huwa għaldaqstant ammissibbli, anki jekk dan jimplika neċessarjament it-teħid in kunsiderazzjoni tal-fatti li fuqhom il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha biex tasal għall-konklużjoni tagħha [75].

194. Jirriżulta mill-kliem tar-raba' inċiż tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5 KEFA, u mill-kliem ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 15 KEFA, li l-Komunità għandha "tagħmel pubbliċi il-motivi ta' l-azzjoni tagħha" u li "id-deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet u

72 — Deċiżjoni tal-21 ta' Novembru 2001, dwar id-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa previsti minn Franza għall-istabbiliment ta' impriżi barra mill-pajjiż (ĠU 2002, L 126, p. 27).

73 — Punt 53 tar-risposta u ta' l-intervent in sostenn ta' l-appell inċidentali.

74 — It-tielet u r-raba' premessi tat-Tielet Kodiċi.

75 — Sentenza tal-20 ta' Novembru 1997, Il-Kummissjoni vs V (C-188/96 P, Ġabra p. I-6561, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

opinjonijiet tal-[Kummissjoni] għandhom ikunu mmotivati u għandhom jinkludu l-opinjonijiet li għandhom jiġu milqugħa b'mod obbligatorju" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll mill-prinċipji ġenerali tat-Trattat KEFA li l-Kummissjoni hija obbligata timmotiva d-deċiżjonijiet ġenerali jew individwali li hija tadotta u dan, irrispettivament mill-bażi ġuridika magħżula għal dan il-għan. Barra minn hekk, in-nuqqas jew l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni jaqaw taħt il-ksur tal-formalitajiet sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 33 KEFA u jikkostitwixxu motiv ta' ordni pubbliku li għandu jiġi mqajjem *ex officio* mill-qrati Komunitarji [76].

195. Skond ġurisprudenza kostanti, l-obbligu ta' motivazzjoni li għandha l-Kummissjoni skond l-Artikolu 15 KEFA għandu jissodisfa l-istess prinċipji bħal dawk stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-Artikolu 253 KE [77].

196. Dawn il-prinċipji huma dawn li ġejjin. Il-motivazzjoni għandha tkun adattata għan-natura ta' l-att in kwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku ir-raġunar ta' l-istituzzjoni, li tkun l-awtriċi ta' l-att, b'mod li jippermetti lill-qrati Komunitarji jeżerċitaw l-istħarriġ ġudizzjarju tagħhom u lill-partijiet ikkonċernati — destinatarji jew persuni oħra kkonċernati mill-att, fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 33 KEFA — isiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda. Madankollu m'huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-elementi kollha ta' fatt jew ta' dritt rilevanti, in kwantu l-kwistjoni dwar jekk din il-motivazzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 5 KEFA u 15 KEFA għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tat-test ta' l-att, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tiegħu u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw is-suġġett ikkonċernat [78]. Fil-kuntest tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, l-eżami tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni għandu jikkunsidra wkoll l-evalwazzjonijiet kumplessi li għandhom isiru mill-istituzzjoni u l-għażliet ta' natura diskrezzjonarja li hija tista' tadotta.

197. F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni dwar l-evoluzzjoni fil-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tal-Artikoli 4(c) KEFA u 67 KEFA, nemmen li dan l-ilment m'huwiex relevanti.

198. Effettivament, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna in kwistjoni mas-suq tal-faħam u l-azzar m'hijiex ibbażata fuq tali evoluzzjoni. Jirriżulta, fil-fatt, mill-kuntest tad-deċiżjoni ikkontestata u b'mod partikolari

76 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ġunju 2005, CIS vs Il-Kummissjoni (T-102/03, Ġabra p. II-2357, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2003, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-197/99 P, Ġabra p. I-8461, punt 72) u tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Settembru 1996, NALOO vs Il-Kummissjoni (T-57/91, Ġabra p. II-1019, punti 298 sa 300), kif ukoll tal-24 ta' Ottubru 1997, British Steel vs Il-Kummissjoni (T-243/94, Ġabra p. II-1887, punti 159 u 160).

78 — Sentenzi tad-19 ta' Settembru 1985, Hoogovens Groep vs Il-Kummissjoni, (172/83 u 226/83, Ġabra p. 2831, punt 24); tal-14 ta' Frar 1990, Delacre *et* vs Il-Kummissjoni (C-350/88, Ġabra p. I-395, punti 15 u 16); Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 72), u Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 73).

mill-punti 59 sa 66 u 109 sa 133 tagħha li, f'moħħ il-Kummissjoni, l-Artikolu 4(c) KEFA kien ikopri, sa mill-bidu, l-imsemmija għajnuna. Dan huwa wkoll dak li argumentajt fil-kuntest ta' l-eżami ta' l-ewwel aggravju ta' l-appell inċidentali.

199. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni kkontestata turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Kummissjoni fir-rigward tal-portata u l-applikabbiltà rispettivi ta' kull waħda miż-żewġ dispożizzjonijiet.

200. Il-Kummissjoni tispjega fil-fatt, b'mod dettaljat, għalfejn "l-eżami tal-kompatibbiltà ta' l-għajnuna illegali in kwistjoni mas-suq komuni għandu jsir fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4(c) [KEFA] u tal-[Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar] suċċessivi" [79] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija tindika, fl-ewwel lok, fil-kuntest ta' l-eżami tan-natura ta' l-għajnuna in kwistjoni, ir-raġunijiet għalfejn hija tikkunsidra li l-Artikolu 67 KEFA m'huwiex applikabbli (punt 66). Hija tispjega, fit-tieni lok, fil-kuntest ta' l-eżami tal-kompatibbiltà ta' l-għajnuna kontenzjuża mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar, għalfejn l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 87(2)(c) KE għal impriża ta' l-azzar hija eskluża *a priori* (punti 110 sa 120). Hija tippreċiża, fit-tielet lok, ir-raġunijiet għalfejn deċiżjoni individwali, fuq il-bażi tal-Artikolu 95 KEFA, ma kinitx ġustifikata fil-każ preżenti (punti 121 sa 125). Finalment, u fir-raba' lok, il-Kummissjoni tesponi r-regoli speċifiċi relattivi, b'mod partikolari, għat-termini ta' notifika, li kienu ġew adottati fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar applikabbli wara l-1986 (punti 67 sa 76 u 126 sa 133).

201. Dawn il-motivi ppermettew lil Salzgitter, kif ukoll lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, isiru jafu r-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(c) KEFA kienu sodisfatti fil-każ preżenti. Barra minn hekk, dawn ta' l-aħħar setgħu jikkontestaw, b'mod dettaljat, l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni. Barra dan, u kif juri l-istħarriġ ġudizzjarju li setgħet twettaq il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kuntest tas-sentenza appellata, l-imsemmija motivi jippermettu lill-qorti Komunitarja tivverifika l-fondatezza ta' dawn l-evalwazzjonijiet.

202. Għaldaqstant, ma naħsibx li l-Kummissjoni kellha barra minn hekk tesponi, f'att li, infakkar, huwa ta' portata individwali, l-evoluzzjoni tal-prassi deċiżjonali tagħha wara l-adozzjoni tal-Ewwel u t-Tieni Kodiċi, peress li dawn ta' l-aħħar, barra minn hekk, huma inapplikabbli għal din il-kawża.

203. Fir-rigward tat-tieni ilment, naħseb ukoll li dan m'huwiex relevanti peress li r-regoli li jirregolaw l-interventi ta' l-Istati

79 — Punt 109 tad-deċiżjoni kkontestata.

Membri favur l-industrija tal-faħam huma differenti minn dawk stabbiliti fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar.

204. Fir-rigward, fl-aħħar nett, tat-tielet ilment, ma nemminx li l-Kummissjoni kellha tagħti raġunijiet għalfejn l-evalwazzjoni tagħha kienet differenti minn dik adottata fil-kuntest ta' deċiżjonijiet preċedenti. Effettivament, il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" jirreferi, fit-Trattat KE bħal fit-Trattat KEFA, għal sitwazzjoni oġġettiva u r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni differenti fid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha m'humiex rilevanti għall-eżami tal-kwistjoni dwar jekk l-għajnuna in kwistjoni taqax jew le taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA.

205. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jiena tal-fehma li l-aggravju ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, f'dak illi huwa bbażat fuq l-ilmenti hawn fuq imsemmija, għandu jiġi miċħud. Nikkunsidra, effettivament, li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tissodisfa r-rekwiżiti kemm taċ-ċarezza kif ukoll tal-kontrollabbiltà li jirriżultaw mill-Artikoli 5 KEFA u 15 KEFA, peress li l-kuntest fattwali u legali huwa spjegat b'mod biżżejjed preċiż.

206. Għaldaqstant jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet korrettament tikkonkludi, fil-punt 184 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet immotivat b'mod suffiċjenti għall-finijiet tad-dritt id-deċiżjoni kkontestata.

207. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni aggravju.

208. Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti li l-appell inċidentali mressaq minn Salzgitter għandu, fil-fehma tiegħi, jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

## VI — Fuq l-appell prinċipali

209. B'sostenn ta' l-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ aggravji bbażati, fl-ewwel lok, fuq il-ksur tal-Artikolu 4(c) KEFA kif ukoll tat-Tielet, ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Kodiċi, u, fit-tieni lok, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża.

### A — *Fuq l-ewwel aggravju ibbażat, fuq il-ksur tal-Artikolu 4(c) KEFA kf ukoll tat-Tielet, ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Kodiċi*

210. L-ewwel aggravju jikkonsisti f'sitt partijiet, ibbażati fuq, fl-ewwel lok, analiżi żbaljata dwar in-natura inċerta u ekwivoka tal-kuntest ġuridiku applikabbli, fit-tieni lok, żball ta' dritt imwettaq fit-teħid in kunsiderazzjoni

ta' l-ewwel żewġ Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, fit-tielet lok, interpretazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali, fir-raba' lok, kontradizzjoni tal-motivi fis-sentenza appellata, fil-ħames lok, evalwazzjoni żbaljata fir-rigward ta' l-għarfien, mill-Kummissjoni, ta' l-applikazzjoni taz-ZRFG għal impriżi ta' l-azzar, u, fis-sitt lok, kontestazzjoni tal-ġurisprudenza derivata mis-sentenza tal-20 ta' Marzu 1997, Alcan Deutschland [80].

211. Essenzjalment, il-Kummissjoni tikkontesta l-analiżi li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet, fil-punti 158 sa 183 tas-sentenza appellata, dwar il-motiv invokat fil-prim'istanza, ibbażat fuq ksur allegat tal-prinċipju ta' ċertezza legali (is-seba' motiv). Hija ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet żball ta' dritt meta ddeċidiet li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, hija ma kinitx osservat il-prinċipju ta' ċertezza legali billi ordnat ir-restituzzjoni ta' l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter bejn l-1986 u l-1995.

212. Biex tilqa' l-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-Qorti tal-Prim'Istanza rraġunat fi tliet stadji.

213. Fl-ewwel lok, hija eżaminat iċ-ċarezza tal-kuntest ġuridiku. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, li s-sitwazzjoni li rriżultat mill-adozzjoni tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi kienet inċerta u ekwivoka. Din l-analiżi hija kkontestata mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju tagħha.

214. Sussegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat l-aġir tal-Kummissjoni. Wara li kkonstatat li din kienet irċeviet ċertu ammont ta' informazzjoni mingħand Salzgitter u li hija kienet xorta waħda tat deċiżjoni ta' nuqqas ta' oġġezzjoni dwar l-implementazzjoni taz-ZRFG, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, fil-punti 176 sa 180 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet naqset mid-dmir tagħha ta' diliġenza billi ma rrilevatx, matul l-eżami ta' dawn id-dokumenti, in-nuqqas ta' notifika ta' l-għajnuna in kwistjoni u billi ma ħadet ebda azzjoni f'dan ir-rigward. Din il-konstatazzjoni hija kkritikata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-ħames parti ta' l-ewwel aggravju.

215. Finalment, huwa fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punti 181 u 182 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali billi ordnat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirkupra l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter. Il-konsegwenzi li l-Qorti tal-Prim'Istanza toħroġ mill-konstatazzjonijiet imsemmija huma kkontestati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tielet parti ta' l-ewwel aggravju.

80 — C-24/95, Ġabra p. I-1591.

216. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jiena naħseb li għandha tiġi eżaminata l-fondatezza ta' dan l-ewwel aggravju billi jiġu eżaminati suċċessivament l-ewwel, il-ħames u t-tielet partijiet tiegħu, safejn dawn jikkontestaw it-tliet evalwazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata.

1. Fuq l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, ibbażat fuq analiżi żbaljata fir-rigward taċ-ċarezza tas-sitwazzjoni ġuridika in kwistjoni

217. Permezz ta' l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju, il-Kummissjoni tikkontesta l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tgħid li s-sitwazzjoni ġuridika li tirriżulta mill-adozzjoni tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi kienet inċerta u ekwivoka.

a) Argumenti tal-partijiet

218. Il-Kummissjoni tqis li l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna li tinsab fid-deċiżjoni tal-1971 kienet ġiet irtirata b'mod taċitu u parzjali meta ġie adottat it-Tieni Kodiċi jew, ta' mill-inqas, it-Tielet Kodiċi, hija żbaljata.

219. Hija targumenta li din l-awtorizzazzjoni, li kienet ibbażata fuq it-Trattat KE, ma setgħax ikollha effett fil-kuntest tat-Trattat KEFA. L-Artikolu 4(c) KEFA kien applikabbli u, b'mod konformi mas-sentenza tal-10 ta' Diċembru 1969, Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, l-għajnuna lill-impriżi ta' l-azzar kienet strettament ipprojbita qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Ewwel Kodiċi [81]. Hija tqis li kien biss bis-saħħa ta' l-Ewwel Kodiċi li l-imsemmija awtorizzazzjoni, kif ukoll dawk li ġew warajha, kienet ġiet iddikjarata applikabbli għall-qasam kopert mit-Trattat KEFA, u li din l-awtorizzazzjoni ġenerali temporanja skadiet ma' l-Ewwel Kodiċi fil-31 ta' Diċembru 1981.

220. Il-Kummissjoni tikkontesta, barra minn hekk, l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ippreżentata fil-punti 173 u 174 tas-sentenza appellata, li tgħid li ma kienx jidher b'mod ċar jekk l-applikazzjoni ulterjuri ta' l-Artikolu 3 taz-ZRFG għal Salzgitter kinitx taqa' taħt l-obbligu ta' notifika ta' "proġetti", skond l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi. Skond il-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni hija ferm ċara.

221. Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-Artikolu 67 KEFA m'huwiex applikabbli għall-għajnuna mill-Istat, peress illi l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri ta' għajnuna fil-kuntest tal-politika ekonomika u soċjali tagħhom [82].

81 — Il-Kummissjoni tirreferi għall-punti 41 sa 44 ta' din is-sentenza.

82 — Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq.

Hija tirrimarka li l-Artikolu 4(c) KEFA jipprojbixxi l-għajnuna "taħt kwalunkwe forma" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u li l-ġurisprudenza ċċitata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qatt ma rreferiet, fir-rigward tal-Artikolu 67 KEFA, għal "skemi ta' għajnuna" applikabbli globalment. Hija ssostni wkoll li dan l-Istat Membru ma nformahiex dwar l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter u li b'hekk huwa ma jistax jippretendi li hija awtorizzata fuq il-bażi tal-Artikolu 67 KEFA.

222. Salzgitter tqis li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kkommettiet ebda żball ta' dritt billi kkonstatat li s-sitwazzjoni ġuridika li tirriżulta mill-adozzjoni tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi ma kinitx ċara biżżejjed. Hija tikkunsidra li l-Kummissjoni kien imissha, fit-Tieni u t-Tielet Kodiċi tagħha, jew fi kwalunkwe komunikazzjoni oħra, espremiet il-modifika tal-kunċett ġuridiku tagħha fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(c) KEFA [83]. Hija targumenta b'mod partikolari li, billi ma ssollevat ebda oġġezzjoni għall-implementazzjoni taz-ZRFG, il-Kummissjoni nisslet, fir-rigward ta' l-impriżi, aspettattiva leġittima fil-legalità ta' dik in-leġiżlazzjoni.

223. Salzgitter targumenta, barra minn hekk, li l-Artikolu 4(c) KEFA m'huwiex applikabbli għal miżuri ġenerali ta' l-Istati Membri dwar is-setturi kollha ta' l-ekonomija bħal dawk taz-ZRFG, fatt li l-Kummissjoni kienet ikkonfermat fl-ewwel parti tal-premessi ta' l-Ewwel u t-Tieni Kodiċi. Hija ssostni wkoll li l-Kummissjoni applikat b'mod retroattiv l-Artikolu 4(c) KEFA, li huwa kuntrarju għad-dritt Komunitarju u li jista' jqiegħed f'dubju d-deċiżjonijiet ta' investiment fit-tul ta' l-impriża benefiċjarja [84].

224. Salzgitter tgħid ukoll li l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni fis-settur tal-faħam li tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 67 KEFA għal għajnuna mhux speċifika għal dan is-settur tappoġġa din l-analiżi.

225. Salzgitter targumenta li l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi ma jippermettix li jiġi ddeterminat jekk l-applikazzjoni tar-regoli fiskali previsti fiz-ZRFG għal impriżi ta' l-azzar kellhiex tkun is-suġġett ta' notifika ġdida minkejja l-awtorizzazzjoni preċedentement mogħtija mill-Kummissjoni fuq il-bażi tat-Trattat KE. Hija tgħid ukoll li għajnuna eżistenti bħal dik prevista miz-ZRFG ma setatx tiġi suġġetta għall-obbligu ta' notifika previst fl-imsemmija dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, Salzgitter tirreferi għas-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, dwar in-notifika tal-miżuri individwali ta' eżekuzzjoni ta' skema ġenerali ta' għajnuna [85]. Fil-fehma tagħha, in kwantu l-Kummissjoni kienet awtorizzat mingħajr riżerva l-applikazzjoni taz-ZRFG fuq il-bażi tat-Trattat KE u ma kienet issollevat ebda oġġezzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 67 KEFA, l-implementazzjoni

83 — Salzgitter tirreferi għas-sentenza tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Kvaerner Warnow Werft (C-181/02 P, Ġabra p. I-5703, punt 41).

84 — Salzgitter tirreferi għas-sentenza Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 119 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 — Punt 21.

taz-ZRFG għall-benefiċċju ta' impriża ma setgħetx tiġi kkwalifikata bħala "għajnuna ġdida" u, għaldaqstant, bħala "proġett" fis-sens ta' l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi.

226. Salzgitter ssostni wkoll, finalment, li billi nnotifikat iz-ZRFG lill-Kummissjoni fl-1971, b'mod konformi mat-Trattat KE, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet għarrfet ukoll lill-Kummissjoni dwarha skond l-Artikolu 67 KEFA. Hija tqis li, billi awtorizzat il-miżuri fiskali notifikati fuq il-bażi tat-Trattat KE, il-Kummissjoni ddikjarat ukoll impliċitament li dawn il-miżuri ma kellhom ebda "riperkussjoni sinjifikattiva fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fl-industriji tal-faħam u ta' l-azzar fis-sens tal- Artikolu 67 (1) KEFA.

227. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, essenzjalment, l-istess argument bħal Salzgitter. Hija targumenta li l-għajnuna ġenerali m'hijiex suġġetta għal obbligu ta' informazzjoni skond l-Artikolu 67(1) KEFA, jekk din ma tistax toħloq riperkussjoni sinjifikattiva fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-industriji tal-faħam jew ta' l-azzar, fatt li ġie kkonfermat impliċitament mill-Kummissjoni billi awtorizzat, f'diversi okkażjonijiet, il-miżuri previsti miz-ZRFG. Hija tikkunsidra li, fi kwalunkwe każ, dawn il-miżuri jistgħu jitqiesu bħala għajnuna eżistenti, mhux suġġetti għal obbligu distint ta' notifika fuq il-bażi tat-Trattat KEFA.

b) Evalwazzjoni

228. Kif diġà indikajt[86], il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, li:

"[…] is-sitwazzjoni, li rriżultat mill-adozzjoni tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi […], kienet ikkaratterizzata minn elementi ta' inċertezza u ta' nuqqas ta' ċarezza, attribwibbli lill-Kummissjoni:

— In-natura impliċita ta' rtirar parzjali-u, għaldaqstant, ta' natura li mhijiex ċara biżżejjed — tan-nuqqas ta' oġġezzjoni li tinsab fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1971;

— ambigwità rigward il-portata ta' l-irtirar impliċitu tan-nuqqas ta' oġġezzjoni, iċċitat iktar 'il fuq għal dak li jikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk l-applikazzjoni sussegwenti ta' l-Artikolu 3 taz-ZRFG kellhiex tiġi nnotifikata bħala "proġett", fis-sens ta' l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi […]".

86 — Ara l-punti 60 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

229. Fil-kuntest ta' din l-ewwel parti, il-Kummissjoni ssostni, min-naħa waħda, li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt f'dak li jirrigwarda l-effetti tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi fuq id-deċiżjoni li ma jitqajjmux oġġezzjonijiet li l-Kummissjoni adottat fir-rigward ta' l-Artikolu 3 taz-ZRFG fl-4 ta' Awwissu 1971. Hija tikkontesta, min-naħa l-oħra, l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar iċ-ċarezza ta' l-obbligu ta' notifika tal-proġetti ta' għajnuna in kwistjoni stabbilit fl-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi.

230. Jiena tal-fehma li dan l-ilment huwa fondat, għar-raġunijiet li ser nagħti.

231. Fl-ewwel lok, fil-fehma tiegħi, għall-kuntrarju ta' dak li qalet il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-adozzjoni tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi ma wasslitx għall-irtirar parzjali u impliċitu tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1971. Effettivament, kif diġà indikajt fil-kuntest ta' l-eżami ta' l-appell inċidentali, jiena tal-fehma li din id-deċiżjoni, ibbażata fuq l-Artikoli 87 KE u 88 KE, kienet tikkonċerna biss lill-impriżi li jaqgħu taħt it-Trattat KE u ma kinitx tirrigwarda lil dawk li jaqgħu taħt it-Trattat KEFA [87]. L-adozzjoni tat-Tieni u t-Tielet Kodiċi b'hekk ma setgħetx twassal għall-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fl-1971 peress li, fil-fehma tiegħi, din ma kinitx tikkonċerna l-impriżi ta' l-azzar.

87 — Ara l-punti 149 sa 152 ta' dawn il-konklużjonijiet.

232. Fit-tieni lok, jiena tal-fehma li l-obbligu ta' notifika ta' l-għajnuna in kwistjoni kien jirriżulta ferm ċar mill-kliem ta' l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi.

233. L-imsemmi Artikolu 6 jistabbilixxi proċedura ta' eżami minn qabel mill-Kummissjoni tal-proġetti kollha ta' għajnuna stabbiliti mill-Istati Membri, bil-għan li tiġi evitata għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni. Għal dan il-għan, l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 6(1) tat-Tielet Kodiċi teħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni fi żmien suffiċjenti dwar il-proġetti li huma intiżi sabiex jistabbilixxu jew jimmodifikaw għajnuna imsemmija f'dan il-Kodiċi sabiex hija tkun tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha [88]. Barra minn hekk, skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-imsemmi Kodiċi, il-Kummissjoni għandha tiġi "infurmata taħt l-istess kundizzjonijiet dwar *proġetti intiżi biex japplikaw għas-settur ta' l-azzar skemi ta' għajnuna li fir-rigward tagħhom hija diġà iddeċidiet fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat [KE]*" [89] [traduzzjoni mhux uffiċjali]. In-notifika għandha ssir f'terminu ta' żmien li l-Qorti tal-Ġustizzja kkwalifikat bħala "terminu perentorju" [90]. Skond l-Artikolu 6(4) ta' dan l-istess Kodiċi, l-Istat Membru ma jistax jimplementa l-miżuri pproġettati, kemm jekk ikunu speċifiċi u kemm jekk huma meħuda b'applikazzjoni ta' skema ġenerali

88 — It-Tielet Kodiċi jirrigwarda l-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp, l-għajnuna favur il-ħarsien ta' l-ambjent, l-għajnuna għall-għeluq ta' installazzjonijiet ta' l-azzar u, finalment, l-għajnuna reġjonali għall-investimenti prevista minn skemi ġenerali.

89 — Enfasi tiegħi.

90 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2000, Salzgitter vs Il-Kummissjoni (C-210/98 P, Ġabra p. I-5843, punti 49 sa 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

ta' għajnuna awtorizzata fuq il-bażi tat-Trattat KE, sakemm il- Kummissjoni ma tkunx approvathom. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-Artikolu 88(3) KE, dan il-kontroll huwa essenzjali sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq komuni [91].

234. Jirriżulta b'mod ċar mit-test tat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 6(1) tat-Tielet Kodiċi li, wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, fl-1 ta' Jannar 1986, l-obbligu li jiġu nnotifikati miżuri finanzjarji, bħal dawk in kwistjoni fil-kawża preżenti, kien ċar u mingħajr ebda kundizzjoni.

235. Din l-analiżi hija kkorroborata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

236. Effettivament, dan l-obbligu jinsab, fi kliem identiċi, fl-Artikolu 6(1) tar-Raba', il-Ħames u s-Sitt Kodiċi. Mistoqsija dwar il-portata ta' tali dispożizzjoni fil-kuntest tal-Ħames Kodiċi, il-qorti Komunitarja b'hekk ikkunsidrat li, kif kienet miktuba, din id-dispożizzjoni "ma [kienet tħalli] ebda dubju lill-awtoritajiet pubblċi dwar l-obbligu li huma kellhom li jinnotifikaw l-għajnuna in kwistjoni u li jissuġġettaw l-għoti tagħhom għall-pożizzjoni adottata minn qabel mill-Kummissjoni, indipendentement mill-eventwali kwalifika tagħha bħala għajnuna" [92].

237. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 174 tas-sentenza appellata, fil-fehma tiegħi l-obbligu ta' notifika introdott mill-Kummissjoni fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 6(1) tat-Tielet Kodiċi kien jirrigwarda, b'mod ċar, l-għajnuna bħal dik in kwistjoni fil-kawża preżenti. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b'kunsiderazzjoni għall-parteċipazzjoni tagħha fil-Kumitat Konsultattiv tal-KEFA, u Salzgitter, b'kusiderazzjoni għall-pożizzjoni ekonomika b'saħħitha tagħha, kienu t-tnejn f'pożizzjoni li jkunu jafu dwar l-introduzzjoni ta' dan l-obbligu fil-kuntest tat-Tielet Kodiċi u taż-żamma tiegħu fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar suċċessivi. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 181 tas-sentenza appellata, jiena ma naħsibx li l-Kummissjoni kienet obbligata tagħti ebda kjarifika tar-regoli fil-kuntest tat-Tielet Kodiċi jew tal-Kodiċi ulterjuri.

238. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li Salzgitter u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kienu f'pożizzjoni li jkunu jafu preċiżament il-portata u ta' l-obbligi tagħhom, u dan mill-adozzjoni tat-Tielet Kodiċi fl-1986. Għaldaqstant kien jeżisti, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Qorti tal-Prim'Istanza, obbligu ta' notifika ċar u

91 — Ara s-sentenzi tal-14 ta' Frar 1990, Franza vs Il-Kummissjoni (C-301/87, Ġabra p. I-307, punt 17), u tal-11 ta' Lulju 1996, SFEI *et* (C-39/94, Ġabra p. I-3547, punt 70).

92 — Digriet Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq (punt 55).

inekwivoku ta' l-għajnuna in kwistjoni, skond l-Artikolu 6 tat-Tielet, ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Kodiċi.

239. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, jiena b'hekk inqis li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt fl-analiżi dwar iċ-ċarezza tal-kuntest ġuridiku applikabbli.

240. Din il-konstatazzjoni hija, fil-prinċipju, biżżejjed biex jintlaqa' l-appell imressaq mill-Kummissjoni u biex nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata. Fil-fehma tiegħi, xorta waħda, għandu jitkompla l-eżami tal-ħames u t-tielet parti ta' l-ewwel aggravju, sabiex jiġu evalwati l-konsegwenzi li għandhom jinħarġu, f'din il-kawża, minn dan l-iżball ta' dritt.

2. Fuq il-ħames parti ta' l-ewwel aggravju, ibbażata fuq evalwazzjoni żbaljata fir-rigward ta' l-għarfien tal-Kummissjoni dwar l-għoti ta' l-għajnuna in kwistjoni

241. Permezz tal-ħames parti ta' l-ewwel aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt billi kkonstatat, fil-punt 179 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet taf dwar l-applikazzjoni taz-ZRFG għal Salzgitter għal diversi snin qabel ma ħadet azzjoni u b'hekk naqset mill-obbligu tagħha ta' diliġenza.

a) Argumenti tal-partijiet

242. Il-Kummissjoni ssostni li, fil-punti 175 sa 179 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tindika sempliċement id-dokumenti li kienu ġew innotifikati lill-Kummissjoni, iżda ma tippreċiżax jekk dawn fihomx informazzjoni dwar għajnuna li ma kinitx ġiet innotifikata. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma ssemmi ebda dispożizzjoni legali li tobbliga lill-amministrazzjoni tal-Kummissjoni tikkunsidra dawn id-dokumenti barra mill-proċedura li fil-kuntest tagħha dawn kienu ntbagħtu lilha.

243. Il-Kummissjoni tippreċiża li, għall-istess raġuni ta' l-eżistenza ta' l-iskema ta' għajnuna mill-Istat għall-industrija ta' l-azzar, la hu previst u lanqas neċessarju li tintbagħat informazzjoni bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni inkarigati mis-sorveljanza tas-sistema ta' kwoti ta' produzzjoni ta' l-azzar u dawk inkarigati mill-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat. Hija tgħid ukoll li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma rrispettatx l-obbligu li tagħti rendikont ta' l-għajnuna mogħtija previst fl-Artikolu 7 tal-Kodiċi ta'

Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar fis-seħħ bejn l-1986 u l-2002 u li ma ntbagħtet ebda informazzjoni lid-dipartimenti inkarigati mill-applikazzjoni ta' l-imsemmija Kodiċi.

244. Il-Kummissjoni tirrimarka li l-impriżi ta' l-azzar m'humiex obbligati jibagħtulha r-rapporti ta' l-attività tagħhom jew il-kontijiet annwali tagħhom fil-kuntest tas-sistema ta' kwoti ta' produzzjoni ta' l-azzar, b'tali mod li hija m'hijiex obbligata, fil-prinċipju, taqra dawn id-dokumenti.

245. Il-Kummissjoni tikkontesta l-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li tinsab fil-punt 179 tas-sentenza appellata, li tgħid li r-rapporti ta' attività u l-kontijiet annwali li Salzgitter li hija bagħtet lill-Kummissjoni indikaw l-eżistenza ta' riżervi eċċezzjonali għall-benefiċċju tagħha. Il-Kummissjoni tgħid ukoll li, fi kwalunkwe każ, dawn m'humiex l-ammonti jew ir-riżervi użati għall-investimenti li huma determinanti fis-sistema tal-kwoti, iżda l-effetti li l-investimenti kellhom fuq il-kapaċità ta' produzzjoni u sussegwentement fuq il-produzzjoni nnifisha. Hija tippreċiża li, anki jekk kellha tiġi aċċettata l-affermazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 178 tas-sentenza appellata, li tgħid li s-sorsi ta' finanzjament kellhom jiġu effettivament komunikati lill-Kummissjoni fil-kuntest tas-sistema ta' kwoti, ir-riżervi in kwistjoni ma jikkorrispondux għal sorsi ta' finanzjament iżda għal differiment ta' taxxa mogħti għal investimenti partikolari.

246. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma ssemmix dispożizzjoni li minnha jista' jirriżulta li hija għandha l-obbligu li tieħu konjizzjoni ta' dokumenti barra mill-proċedura li fil-kuntest tagħha dawn intbagħtula. Hija tgħid ukoll li l-fatt li d-dokumenti ntbagħtu spontanjament minn Salzgitter ma jistax prova li l-Kummissjoni ħadet konjizzjoni tal-kontenut tagħhom. L-impriża benefiċjarja barra minn hekk ma ppruvatx tali fatt.

247. Fil-kuntest ta' l-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħha, il-Kummissjoni insistiet fuq ir-riksji li tista' twassal l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza kemm fuq is-sistema ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat kif ukoll fuq l-organizzazzjoni amministrattiva tagħha.

248. Effettivament hija, min-naħa waħda, indikat li kieku t-trasmissjoni spontanja ta' dokumenti lil kwalunkwe dipartiment tal-Kummissjoni, li jista' jkun fihom biss osservazzjonijiet vagi dwar l-għoti ta' għajnuna mill-Istat, kienet biżżejjed biex jiġi pprojbit l-uniku mezz ta' azzjoni tagħha fir-rigward ta' l-għoti ta' għajnuna illeċita jew mhux kompatibbli mas-suq komuni, ikun hemm riskju li l-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, ibbażat fuq l-obbligu ta' notifika, jisfa fix-xejn.

249. Hija rrilevat, min-naħa l-oħra, li l-analiżi tal-Qorti tal-Prim'Istanza toħloq riskju li jitqiegħed f'dubju *acquis* essenzjali ta'

l-organizzazzjoni amministrattiva moderna tal-Kummissjoni, jiġifieri t-tqassim ċar u nett tal-kompetenzi, favur sistema amministrattiva li fiha kull aġent tal-Kummissjoni jkollu jinnotifika immedjatament lill-awtorità kompetenti kull ksur ta' l-ordni ġuridiku li jkun ġie għall-attenzjoni tiegħu.

250. Salzgitter tikkunsidra li din il-parti tibbaża ruħha fuq kunsiderazzjonijiet ta' fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex obbligata li tkun taf fil-kuntest ta' appell. Fuq bażi sussidjarja, hija ssostni li l-obbligu għall-Kummissjoni, previst fil-kuntest tas-sistema ta' sorveljanza tal-kwoti ta' l-azzar, li tikkunsidra l-għajnuna mogħtija preċedentement jimplika l-obbligu li tieħu konjizzjoni tar-rapporti ta' attività li jintbagħtula . Hija tgħid ukoll li l-kontijiet annwali li jinsabu f'dawn ir-rapporti indikaw b'mod ċar li Salzgitter kienet ibbenefikat mill-miżuri fiskali previsti miz-ZRFG u li barra minn hekk kien fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti ta' attività li l-Kummissjoni bagħtitilha talba għal informazzjoni fl-1998. Hija targumenta li dan is-suġġett ġie diskuss ukoll matul laqgħa mal-Kummissjoni fl-1982 li fiha kienu pparteċipaw ukoll id-dipartimenti inkarigati mill-ġestjoni tal-kwoti ta' l-azzar kif ukoll dawk inkarigati mill-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat. Hija tikkunsidra li l-obbligu għall-Kummissjoni li tieħu konjizzjoni ta' l-informazzjoni mibgħuta lilha jirriżulta mid-dritt għas-smigħ [93] u li l-Kummissjoni ma tistax, fi kwalunkwe każ, tinvoka kontra ċittadin il-fatt li dan ta' l-aħħar ikun bagħat komunikazzjoni lil diviżjoni inkompetenti.

251. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li, bħala awtorità ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kull informazzjoni li tintbagħtilha. Hija tgħid ukoll li d-dipartimenti amministrattivi inkarigati mill-ġestjoni tal-kwoti ta' l-azzar huma, permezz tal-kompetenza tagħhom, kapaċi jagħrfu l-informazzjoni li jirċievu għall-kontroll ta' l-għajnuna lill-industrija ta' l-azzar u li huma obbligati jibagħtu l-informazzjoni rilevanti lid-dipartimenti inkarigati mill-kontroll ta' l-għajnuna.

b) Evalwazzjoni

252. Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni Salzgitter, fil-fehma tiegħi din il-ħames parti hija ammissibbli.

253. Huwa magħruf li, skond l-Artikolu 32 E tat-Trattat KEFA, li huwa identiku għall-Artikolu 225 KE, l-appell għandu jkun limitat għal kwistjonijiet ta' dritt in kwantu l-Qorti

93 — Sentenza tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni (46/87 u 227/88, Ġabra p. 2859).

tal-Prim'Istanza biss hija, fil-prinċipju, kompetenti biex tevalwa l-fatti [94].

254. Madankollu nqis, li l-analiżi ta' l-imsemmija parti ma tqajjimx sempliċement problema ta' evalwazzjoni ta' fatti. Nikkunsidra, effettivament, li l-eżami tal-fondatezza tagħha jqajjem, fid-dawl tal-konklużjonijiet li stabbilixxejt fil-kuntest ta' l-ewwel parti, kwistjoni ta' dritt.

255. Il-kwistjoni hija jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlitx żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet naqset mid-dmir tagħha ta' diliġenza billi ma rrilevatx l-eżistenza ta' l-għajnuna in kwistjoni u n-nuqqas ta' notifika ta' din ta' l-aħħar minkejja li kien jeżisti obbligu ċar u mingħajr kundizzjonijiet għall-Istat Membru li jagħti notifika.

256. Għandu jingħad, fuq bażi preliminari, li l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kuntest tas-sentenza appellata, dwar obbligu eventwali li l-informazzjoni tintbagħat bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni, huma partikolari għall-kawża preżenti. Il-Qorti tal-Prim'Istanza rrimarkat dan f'diversi partijiet, b'mod partikolari fil-punti 179 u 182 ta' l-imsemmija sentenza. Il-konklużjonijiet tagħha huma derivati minn obbligi partikolari li l-Kummissjoni imponiet fuq l-impriżi ta' l-azzar, bil-għan li tegħleb l-istat ta' kriżi manifest fis-settur Ewropew ta' l-azzar.

257. Fil-punti 176 u 177 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeskriviet l-obbligi ta' l-impriżi ta' l-azzar li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' sistema ta' sorveljanza tal-produzzjoni tagħhom ta' l-azzar [95]. Għall-applikazzjoni ta' din is-sistema, stabbilita fl-1980, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni kellha informazzjoni regolari dwar il-produzzjoni u l-kunsinni ta' l-impriżi kkonċernati. Hija osservat ukoll li kienet stabbilixxiet, fil-kuntest ta' l-adattament ta' l-istess sistema, konnessjoni ċara bejn l-għoti ta' għajnuna mhux awtorizzata u l-kwoti ta' produzzjoni, sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ta' dawn il-miżuri. Barra minn hekk, l-Artikolu 15 A(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2177/83/KEFA [96] kien jawtorizza lill-Kummissjoni

94 — Nixtieq infakkar li, skond ġurisprudenza kostanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha biss ġurisdizzjoni, min-naħa waħda, biex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta minn dokumenti tal-proċess li kunu ġew ippreżentati lilha, u min-naħa l-oħra, biex tevalwa dawn il-fatti. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tad-distorsjoni ta' l-elementi li kienu ġew ippreżentati lilha, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell. Madankollu, meta l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' kompetenti biex teżerċita stħarriġ fuq il-kwalifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi legali li jkunu ġew derivati mill-Qorti tal-Prim'Istanza (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni,C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punti 51 u 52).

95 — Din is-sistema kienet stabbilita, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 58 KEFA, permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2794/80/KEFA, tal-31 ta' Ottubru 1980, li tistabbilixxi sistema ta' kwoti ta' produzzjoni ta' azzar għall-impriżi ta' l-industrija ta' l-azzar (ĠU L 291, p. 1). Din is-sistema ġiet ipprorogata f'diversi okkażjonijiet sat-30 ta' Ġunju 1988.

96 — Deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 1983, li testendi s-sistema ta' sorveljanza u ta' kwoti ta' produzzjoni ta' ċerti prodotti għall-impriżi ta' l-industrija ta' l-azzar (ĠU L 208, p. 1). Il-kontenut ta' l-Artikolu 15 A ta' din id-deċiżjoni jidher, fi kliem kważi identiku, fl-Artikolu 15 A tad-deċiżjonijiet ulterjuri ta' estenzjoni, jiġifieri d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Nri 234/84/KEFA tal-31 ta' Jannar 1984 (ĠU L 29, p. 1), 3485/85/KEFA, tas-27 ta' Novembru 1985 (ĠU L 340, p. 5) u 194/88/KEFA, tas-6 ta' Jannar 1988 (ĠU L 25, p. 1).

"tnaqqas il-kwoti ta' impriża, meta hija [kkonstatat] li l-impriża in kwistjoni [bbenefikat] minn għajnuna mhux awtorizzata mill-Kummissjoni skond it-[Tieni Kodiċi] jew jekk il-kundizzjonijiet li taħthom kienet awtorizzata l-għajnuna ma [kinux ġew] osservati" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

258. Kien fuq il-bażi ta' dawn l-elementi u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [97] li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punt 178 tas-sentenza appellata, li "[g]ħalhekk, il-Kummissjoni kellha bil-fors tasal sabiex tivverifka l-informazzjoni relatata mal-produzzjoni ta' l-impriżi ta' l-industrija ta' l-azzar li hija kienet qed tirċievi minn dawn ta' l-aħħar, b'mod partikolari sabiex tiddetermina jekk iż-żamma jew iż-żieda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni ma rriżultawx minn għajnuna mill-Istat mhux awtorizzata".

259. Il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat ukoll l-eżistenza ta' qafas b'saħħtu ta' programmi ta' investiment ta' l-impriżi ta' l-azzar [98] u fakkret li l-Kummissjoni kienet eżaminat mill-ġdid l-iskema ta' għajnuna prevista miz-ZRFG fl-1988 u li kienet adottat deċiżjoni ta' nuqqas ta' oġġezzjoni matul ix-xahar ta' Diċembru 1988 fuq il-bażi tat-Trattat KE.

260. Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi u ta' l-informazzjoni mibgħuta minn Salzgitter lill-Kummissjoni skond l-obbligi hawn fuq imsemmija li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, fil-punt 179 tas-sentenza appellata, li din ta' l-aħħar "kellha tosserva u tikkonstata n-nuqqas ta' notifika ta' [l-għajnuna kkontestata] u tibda l-proċedimenti adegwati". Fin-nuqqas ipprorogat ta' reazzjoni mill-Kummissjoni u fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' inċertezza u ta' nuqqas ta' ċarezza tas-sitwazzjoni ġuridika, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'hekk iddeċidiet, fil-punt 180 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet ħolqot, "bi ksur għall-obbligu ta' diliġenza [...], sitwazzjoni ekwivoka" li hija kellha l-obbligu li tikkjarifika qabel ma tordna r-restituzzjoni ta' l-għajnuna mogħtija.

261. Għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-fehma tiegħi huwa diffiċli, fil-kawża preżenti, li l-Kummissjoni tiġi akkużata li naqset milli twettaq l-obbligu tagħha ta' diliġenza, anki meta l-għoti ta' l-għajnuna in kwistjoni ma kien is-suġġett ta' ebda notifika, taħt kwalunkwe forma, minkejja n-natura ċara u mingħajr kundizzjonijiet ta' dan l-obbligu.

262. Jiena nibbaża l-evalwazzjoni tiegħi fuq analiżi tas-setgħat u tar-responsabbiltajiet li għandhom rispettivament il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-kuntest ta' sistema ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

97 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għas-sentenzi tal-15 ta' Jannar 1985, Finsider vs Il-Kummissjoni (250/83, Ġabra p. 131, punt 9); tal-15 ta' Ottubru 1985, Krupp u Thyssen vs Il-Kummissjoni (211/83 u 212/83 u 77/84 u 78/84, Ġabra p. 3409, punt 34), u tas-7 ta' April 1987, Dillinger Hüttenwerke vs Il-Kummissjoni (226/85, Ġabra p. 1621, punt 12).

98 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 3302/81/KEFA, tat-18 ta' Novembru 1981, dwar l-informazzjoni li l-impriżi ta' l-industrija ta' l-azzar huma obbligati jipprovdu dwar l-investimenti tagħhom (ĠU L 333, p. 35), kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2093/85/KEFA, tas-26 ta' Lulju 1985 (ĠU L 197, p. 19), fis-seħħ sas-16 ta' Ottubru 1991.

263. Il-Kummissjoni, bħall-istituzzjonijiet Komunitarji kollha, hija suġġetta, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet amministrattivi tagħha, għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

264. Sa minn waħda mill-ewwel sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-prinċipju jifforma parti integrali mir-regoli mhux miktuba tal-legalità Komunitarja[99]. Ir-rekwiżiti marbuta ma' dan il-prinċipju ġew stabbiliti progressivament mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja qabel ma ġew ikkristalizzati fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea[100].

265. Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jeħtieġ li l-Kummissjoni twettaq eżami serju u eżawrenti tad-data kollha, ġuridika jew fattwali, li jista' jkollha effett fuq l-adozzjoni ta' att[101]. Barra minn hekk, in kwantu l-Kummissjoni għandha kompetenza esklużiva biex tevalwa l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat mas-suq komuni, hija obbligata tagħmel eżami diliġenti u imparzjali ta' kull każ li hija għandha konjizzjoni tiegħu. Id-dmir ta' diliġenza, li l-Qorti tal-Prim'Istanza takkuża lill-Kummissjoni li kisret, jikkonsisti fi ħtieġa ta' trattament amministrattiv "fi żmien raġonevoli". Skont il-qorti Komunitarja, dan iż-żmien "għandu jiġi evalwat abbażi taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża u, b'mod partikolari, tal-kuntest ta' din ta' l-aħħar, ta' l-istadji proċedurali diversi li l-Kummissjoni għandha ssegwi, tal-kumplessità tal-kawża kif ukoll ta' l-importanza għad-diversi partijiet ikkonċernati"[102]. L-istituzzjonijiet b'hekk m'għandhomx jipprolongaw indefinittivament il-proċeduri u b'xi mod hija l-passività tagħhom, meta huma obbligati li jaġixxu fi żmien raġonevoli, li hija penalizzata.

266. Fil-prattika, l-osservanza ta' dan il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba teħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri interni kollha meħtieġa sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb tad-dipartimenti tagħha[103]. F'dan ir-rigward, hija għandha setgħa ta' organizzazzjoni interna. Il-Kummissjoni tifforma unità waħda organizzattiva u funzjonali[104]. Id-dipartimenti tagħha madankollu huma maqsuma f'direttorati ġenerali, direttorati, unitajiet

99 — Sentenza tal-10 ta' Diċembru 1957, Société des usines à tubes de la Sarre vs L-Awtorità Għolja (1/57 u 14/57, Ġabra p. 201, 220).

100 — ĠU 2000, C 364, p. 1. Ara, fir-rigward tal-kontenut u l-portata ta' dan il-prinċipju, D. Simon, "*Le principe de 'bonne administration' ou la 'bonne gouvernance concrète'*", f'*Le droit de l'Union européenne en principes, Liber amicorum en l'honneur de Jean Raux*, Apogée, Rennes, 2006, p. 155.

101 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München (C-269/90, Ġabra p. I-5469, punt 14); tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Jannar 1992, La Cinq vs Il-Kummissjoni (T-44/90, Ġabra p. II-1, punt 86); tad-19 ta' Marzu 1997, Oliveira vs Il-Kummissjoni (T-73/95, Ġabra p. II-381, punt 32), u tal-11 ta' Settembru 2002, Alpharma vs Il-Kunsill (T-70/99, Ġabra p. II-3495, punt 182).

102 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Settembru 1998, Gestevisión Telecinco vs Il-Kummissjoni (T-95/96, Ġabra p. II-3407, punt 75).

103 — Ara, fil-kuntest tat-Trattat KEFA, l-Artikolu 16 KEFA. Dawn il-miżuri ta' organizzazzjoni interna huma stabbiliti fil-kuntest ta' regolament intern. Ir-Regolamenti interni fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti kienu dawk tad-9 ta' Jannar 1963 (ĠU 1963, 17, p. 181) u tas-17 ta' Frar 1993 (ĠU L 230, p. 15). Dan ta' l-aħħar kien ġie ssostitwit bir-Regolament intern tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 1999 (ĠU L 252, p. 41), u sussegwentement b'dak tad-29 ta' Novembru 2000 (ĠU L 308, p. 26).

104 — Skond l-Artikolu 17 tar-Regolamenti interni tal-1963 u tal-1993, "[i]l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha, biex tipprepara u twettaq l-azzjoni tagħha, numru ta' servizzi li jifformaw amministrazzjoni waħda" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

jew diviżjonijiet skond pjan ta' tqassim tal-kompetenzi magħmul b'tali mod sabiex jiġu evitati kemm jista' jkun l-koinċidenza ta' kompetenzi u x-xogħol doppju[105]. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja ta' l-azzjoni tagħha, il-Kummissjoni tipprevedi wkoll, fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament Intern tagħha tal-1963, li d-dipartimenti tagħha għandhom "jaħdmu f'kooperazzjoni kemn jista' jkun mill-qrib". Skond din id-dispożizzjoni, qabel ma dokument ikun sottomess lill-Kummissjoni, id-dipartiment responsabbli għandu javża lid-dipartimenti kollha li huma kkonċernati bis-saħħa tal-pjan ta' tqassim tal-kompetenzi jew minħabba n-natura tas-suġġett, sabiex jiġi evitat kull xogħol doppju u biex jinkisbu l-kunsens jew l-osservazzjonijiet tagħhom[106].

267. Fil-kawża preżenti, jirriżulta mill-espożizzjoni tal-fatti tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li l-Kummissjoni kienet irċeviet, mill-1988, rapporti ta' attività u kontijiet annwali ta' Salzgitter, li mill-qari tagħhom kien jirriżulta li hija kienet ibbenefikat minn riżervi eċċezzjonali, skond l-Artikolu 3 taz-ZRFG. Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, dawn l-indikazzjonijiet setgħu jirriżultaw ukoll mill-eżami li sar, fl-1988, mill-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà, mat-Trattat KE, ta' l-iskema ġenerali ta' għajnuna.

268. Bħall-Qorti tal-Prim'Istanza, jiena tal-fehma li l-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' l-eżistenza tal-għajnuna in kwistjoni. Effettivament, kif jirriżulta wkoll b'mod ċar mis-sentenza appellata, il-Kummissjoni ippruvat ħafna tissorvelja l-attività ta' l-impriżi ta' l-azzar permezz ta' għadd sħiħ ta' miżuri "antikriżi" li kienu jippermettulha jkollha massimu ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ta' Salzgitter[107].

269. Il-konnessjoni bejn l-iskema ta' kwoti ta' produzzjoni ta' l-azzar u dik ta' l-għajnuna mill-Istat hija ċara. Din tirriżulta mill-Artikolu 15 A tad-deċiżjonijiet imsemmija mill-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll mill- Artikolu 14 tagħhom[108]. Meta l-Kummissjoni tapplika xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, hija neċessarjament imwassla teżamina l-kontijiet ta' l-impriża fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mibgħuta minnha[109].

105 — Artikoli 19 tar-Regolament intern tal-1963, 18 tar-Regolament intern tal-1993, 17 tar-Regolament intern tal-1999, u 19 tar-Regolament intern tal-2000.

106 — L-imsemmija dispożizzjoni tinsab fi kliem kważi identiċi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament intern tal-1993, fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament intern tal-1999, u fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament intern tal-2000. Ara wkoll M. Kindblom-Törnell, "*The role of the cabinets in the decision-making process of the European Commission*", *Liber amicorum en l'honneur de Sven Norberg*, Bruylant, Brussell, 2006, p. 329, 230.

107 — Nosserva li, wara t-tneħħija tas-sistema ta' kwoti matul ix-xahar ta' Ġunju 1988, ġiet adottata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 47 KEFA d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2448/88/KEFA, tad-19 ta' Lulju 1988, li tistabbilixxi sistema ta' sorveljanza għal ċerti prodotti għall-impriżi ta' l-industrija ta' l-azzar (ĠU L 212, p. 1) Skond din id-Deċiżjoni, applikabbli bejn l-1 ta' Lulju 1988 u t-30 ta' Ġunju 1990, l-impriżi kienu obbligati jiddikjaraw kull xahar lill-Kummissjoni l-produzzjonijiet u l-kunsinni tagħhom ta' azzar. Sa mill-1991 u bil-għan li jiġu rrimedjati d-diffikultajiet persistenti fis-suq ta' l-azzar, ġiet adottata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 54 KEFA, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 3010/91/KEFA, tal-15 ta' Ottubru 1991, dwar l-informazzjoni li l-impriżi ta' l-industrija ta' l-azzar huma obbligati jipprovdu dwar l-investimenti tagħhom (ĠU L 286, p. 20).

108 — Ara l-Artikolu 14 tad-deċiżjonijiet ta' estensjoni li jissemmew fin-nota 96.

109 — Ara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-informazzjoni li għandha tingħata mill-impriżi ta' l-azzar li jitolbu l-benefiċċju ta' l-Artikoli 14 u 15 tad-Deċiżjoni Nru 1696/82/KEFA u l-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tagħhom (ĠU 1982, C 318, p. 3).

270. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri kollha jifformaw totalità koerenti u li wieħed ma jistax jikkritika l-introduzzjoni, fl-iskema tal-kwoti ta' produzzjoni, ta' kriterji li jaqgħu taħt l-iskema ta' għajnuna għall-industrija ta' l-azzar, għaliex it-tnejn li huma, irrispettivament mid-differenzi bejn il-bażi ġuridiċi tagħhom u l-kriterji ta' applikazzjoni tagħhom, għandhom bħala objettiv ir-ristrutturar. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, għaldaqstant m'huwiex arbitrarju jew diskriminatorju li d-data li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' waħda minn dawn l-iskemi tista' tittieħed bħala bażi ta' referenza fl-iskema l-oħra [110].

271. Madankollu, il-Kummissjoni m'għandha ebda obbligu fir-rigward tal-konsegwenzi li hija għandha toħroġ minn konstatazzjoni eventwali ta' nuqqas ta' notifika ta' għajnuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk adottat approċċ partikolarment prudenti u rispettuż tad-diversi proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-miżuri anti-kriżi. F'dan ir-rigward, nirreferi għas-sentenza tas-7 ta' Lulju 1982, Klöckner-Werke vs Il-Kummissjoni [111]. F'din il-kawża, l-impriża rikorrenti akkużat, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni li ma kkunsidratx, fil-kuntest tal-kalkolu tal-kwoti ta' produzzjoni, sussidji pubbliċi li minnhom kienu bbenefikaw ċertu numru ta' impriżi f'diversi Stati Membri, bi ksur tat-Trattat KEFA. Skond Klöckner-Werke AG, il-Kummissjoni kien imissha rreaġixxiet għall-għoti ta' dawn is-sussidji pubbliċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx *"obbligata tikkunsidra, fil-kuntest tal-miżuri previsti fl-Artikolu 58 [KEFA] [*[112]*], id-distorsjonijiet maħluqa fis-suq ta' l-azzar permezz ta' l-għoti ta' għajnuna eventwalment inkompatibbli mat-Trattat"* [113]. Hija rrilevat li l-implementazzjoni tal-Artikolu 58 KEFA, li jeħtieġ, min-natura tiegħu stess, azzjoni mill-iktar fis, ibbażata fuq kriterji sempliċi, ma kinitx kompatibbli mat-teħid in kunsiderazzjoni ta' data bħall-għajnuna pubblika, li l-evalwazzjoni tagħha kienet teħtieġ investigazzjonijiet partikolarment kumplessi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet għaldaqstant li "*[g]ħalkemm ma jistax jiġi eskluż li, fit-tqassim tal-kwoti ta' produzzjoni, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra sitwazzjonijiet li jmorru kontra l-Artikolu 4(c) [KEFA] u r-regoli stabbiliti permezz tad-deċiżjonijiet tagħha f'dan il-qasam, debitament stabbiliti permezz tal-proċeduri previsti għal dan il-għan,* kif hija diġà tagħmel fl-azzjoni tagħha ta' sorveljanza ta' l-investimenti, wieħed ma jistax madankollu jasal sal-punt li jeżiġi li l-miżuri ta' anti-kriżi ta' l-Artikolu 58 [KEFA] jiġu użati bħala rimedju kontra l-effett ta' għajnuna illeċitia mogħtija mill-Istati Membri" [114].

272. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni għaldaqstant m'għandha ebda

110 — Sentenza Krupp Thyssen *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Ara wkoll is-sentenza Dillinger Hüttenwerke, iċċitata iktar 'il fuq, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikoli 14 A u 14 B tad-deċiżjoni Nru 234/84, dwar l-għoti ta' kwoti ta' produzzjoni supplementari, għandhom jiġu applikati u interpretati fid-dawl tat-Tieni Kodiċi. Minn dan isegwi li impriża li għandha tissodisfa l-kriterji għall-awtorizzazzjoni ta' għajnuna ma tistax tibbenefika minn kwota supplementari skont l-Artikolu 14 A ta' l-imsemmija deċiżjoni (punti 13 sa 15).

111 — 119/81, Ġabra p. 2627.

112 — Is-sistema ta' sorveljanza u ta' kwoti ta' produzzjoni ta' l-azzar hija bbażata fuq din id-dispożizzjoni.

113 — Sentenza Klöckner-Werke vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 19, enfasi tiegħi).

114 — *Idem* (enfasi tiegħi). Ara, ukoll, is-sentenzi tal-11 ta' Mejju 1983, Klöckner-Werke vs Il-Kummissjoni (136/82, Ġabra p. 1599, punt 36), u Klöckner-Werke vs Il-Kummissjoni (311/81 u 30/82, Ġabra p. 1549, punt 36), kif ukoll Finsider vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

obbligu fir-rigward tal-konsegwenzi li hija għandha toħroġ, fil-kuntest tat-tqassim tal-kwoti ta' produzzjoni, min-nuqqas eventwali ta' notifika ta' għajnuna mill-Istat. Xorta jibqa' l-fatt, madankollu, li l-Kummissjoni, bħala awtorità ta' sorveljanza, kienet obbligata taġixxi bid-diliġenza kollha meħtieġa.

273. Madankollu, ma naħsibx li dan in-nuqqas ta' diliġienza jista', f'din il-kawża, jeżenta lill-Istat Membru milli jordna l-irkupru ta' l-għajnuna mogħtija illegalment u lill-impriża benefiċjarja milli tirrimborsa dik l-għajnuna.

274. Effettivament, inqis li la r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lanqas Salzgitter m'huma ġġustifikati jsostnu ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, min-naħa tal-Kummissjoni, meta l-għoti ta' l-għajnuna in kwistjoni ma kien is-suġġett ta' ebda notifika, taħt kwalunkwe forma, minkejja n-natura ċara u mingħajr ebda kundizzjoni ta' dan l-obbligu.

275. Huwa importanti li jiġi mfakkar, effettivament, li d-dritt għal amministrazzjoni tajba m'huwiex prerogattiv assolut, opponibbli f'kull ċirkustanza kontra l-amministrazzjoni Komunitarja. Effettivament, jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti li, għalkemm il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jimponi fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji għadd ta' obbligi, dan jimplika wkoll ċerta diliġenza min-naħa tal-parti kkonċernata [115]. Għaldaqstant, il-garanziji offruti lill-persuna li hija suġġetta għall-amministrazzjoni ma jistgħux ikunu użati minn persuna li kienet negliġenti jew *in mala fede*.

276. Fil-kawża preżenti, huwa kostanti li ebda notifika ta' l-għajnuna kontenzjuża ma kienet saret fl-1988 jew matul is-snin segwenti. Issa, kif kienet iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-attitudni tikkostitwixxi "ksur partikolarment serju, in kwantu din tmur kontra [...] sistema essenzjali għall-ħarsien tas-suq komuni" [116].

277. L-obbligu ta' notifika minn qabel huwa, effettivament, il-bażi tas-sistema ta' kontroll preventiv stabbililta mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-diversi Kodiċi. ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar. Dan l-obbligu jippermettilha tiżgura s-sorveljanza tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar, b'mod konformi ma' l-objettivi segwiti mit-Trattat KEFA, billi tawtorizza l-għoti lill-industrija ta' l-azzar ta' ċerta għajnuna b'kunsiderazzjoni tas-sensittività partikolari tas-settur. Dan l-obbligu jippermetti wkoll li jitneħħew id-dubji eventwali ta' l-istat Membru li jkun qed jikkunsidra jistabbilixxi miżura dwar jekk din tkunx tikkostitwixxi għajnuna awtorizzata

115 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Mejju 2003, Josanne *et* vs Il-Kummissjoni (T-82/01, Ġabra p. II-2013, punt 81).

116 — Digriet Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq (punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

mill-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar applikabbli jew le. Għaldaqstant huwa kostanti li l-obbligu ta' notifika għandu bħala għan aħħari ċ-ċertezza legali u għaldaqstant għandu, fuq din il-bażi, jiġi rrispettat b'mod strett [117].

278. Billi introduċiet, fl-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi, proċedura ta' notifikazzjoni ta' proġetti bħal dak in kwistjoni f'din il-kawża, il-Kummissjoni eżerċitat ir-rwol mogħti lilha mit-Trattat KEFA fil-qasam tal- għajnuna mill-Istat, peress li kien jidhrilha li l-iskemi li hija kienet preċedentement awtorizzat fuq il-bażi tat-Trattat KE setgħu jaffetwaw il-funzjonament tajjeb tas-suq komuni tal-faħam u l-azzar.

279. Kif jirriżulta wkoll b'mod ċar mill-ħames premessa ta' dan il-Kodiċi, l-objettiv kien li "tiġi stabbilita sistema Komunitarja globali li tiżgura trattament ugwali għal kull għajnuna li minnha [setgħet] tkompli tibbenefika l-industrija ta' l-azzar, fil-kuntest ta' proċedura waħda" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

280. Din is-sistema tippermetti li jiġi evitat li skema ġenerali ta' għajnuna, awtorizzata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tat-Trattat KE, tista' tagħti lok għal applikazzjonijiet ġodda fil-kuntest tat-Trattat KEFA, meta jirriżulta li din tmur kontra l-funzjonament tajjeb tas-suq komuni ta' l-azzar kif ukoll ir-regoli definiti fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar.

281. L-imsemmija sistema tiżgura wkoll trattament ugwali bejn l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi skond jekk jinnotifikawx għajnuna mogħtija speċifikament lil impriża ta' l-azzar, skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 6(1) ta' t-Tielet Kodiċi, jew għajnuna mogħtija taħt skema ġenerali ta' għajnuna, skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 6(1) ta' dan l-istess Kodiċi. Effettivament, ikun kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali li għajnuna mogħtija taħt skema ġenerali ta' għajnuna awtorizzata fuq il-bażi tat-Trattat KE tkun awtorizzata għall-kuntrarju għal dik innotifikata skond Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar. Tali każ imsemmi ikun imur kontra l-objettivi segwiti mit-Trattat KEFA u jneħħi kull effett utli tas-sistema ta' kontroll preventiv stabbilita mill-Kummissjoni fl-Artikolu 6 tat-Tielet, ir-Raba', il-Ħames u s-Sitt Kodiċi. Tali sitwazzjoni toħloq ukoll ir-riskju li jiġu evitati r-regoli fformulati fil-kuntest tat-Trattat KEFA, u b'mod partikolari l-projbizzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat ifformulata fl-Artikolu 4(c) KEFA, favur ir-regoli iktar flessibbli tat-Trattat KE.

282. Issa, f'din il-kawża, m'huwiex ikkontestat li l-għajnuna kontenzjuża ngħatat, b'mod

117 — Sentenza tal-15 ta' Frar 2001, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (C-99/98, Ġabra p. I-1101, punti 73 u 85).

kuntrarju għall-obbligi imposti fuq l-Istati Membri fl-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi u tal-Kodiċi segwenti, mingħajr ma kienet is-suġġett ta' notifika, taħt kwalunkwe forma.

283. Huwa evidenti li l-komunikazzjoni lill-Kummissjoni, minn Salzgitter, tar-rapporti ta' attività tagħha jew ta' kull dokument ieħor ta' natura identika, fil-kuntest tas-sistema ta' sorveljanza tal-kwoti ta' l-azzar u ta' l-investimenti, ma tistax tissostitwixxi notifika, fil-forma tajba u meħtieġa, li tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-imsemmija dispożizzjoni.

284. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-proċedura prevista fl-Artikolu 88(3) KE, l-obbligu ta' notifika minn qabel jaqa' biss fuq l-Istati Membri. Per eżempju, dan l-obbligu ma jistax jiġi sodisfatt jekk in-notifika ssir mill-impriża benefiċjarja ta' l-għajnuna [118]. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk tinterpreta b'mod ferm strett l-obbligu ta' notifika minn qabel ta' l-għajnuna mill-Istat previst fit-Trattat KE. Iktar u iktar dan għandu jkun il-każ fil-kuntest tat-Trattat KEFA, li, għandu jiġi mfakkar, jawtorizza l-għoti ta' għajnuna mill-Istat biss fuq il-bażi ta' deroga.

285. Minn dan isegwi li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma setgħetx tonqos mill-obbligu ta' notifika li hija kellha taħt l-Artikolu 6 tat-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Kodiċi billi tibbaża ruħha fuq il-konstatazzjonijiet li l-Kummissjoni kellha tagħmel permezz ta' l-istudju tad-dokumenti mibgħuta minn Salzgitter jew fil-kuntest ta' l-eżami ta' l-iskema ġenerali ta' għajnuna li hija setgħet twettaq fuq il-bażi tat-Trattat KE.

286. Kieku dan kien il-każ, fil-fatt, Stat Membru jkun jista' jevita l-obbligu tiegħu ta' notifika minn qabel ta' l-għajnuna u, għaldaqstant, ineħħi kull effett utli tal-kontroll preventiv tal-Kummissjoni.

287. Fil-kawża preżenti, huwa kostanti li, billi ma nnotifikatx lill-Kummissjoni, għal perijodu ta' kważi għaxar snin, il-proġetti intiżi sabiex japplikaw l-Artikolu 3 taz-ZRFG għall-benefiċċju ta' Salzgitter, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset mill-obbligi tagħha.

288. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fl-ipoteżi li l-Kummissjoni naqset mid-dmir tagħha ta' diliġenza, jiena b'hekk tal-fehma, għall-kuntrarju tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li dan il-fatt ma kellux jeżonera lill-Istat Membru mid-dmir tiegħu li jirkupra l-għajnuna in kwistjoni, safejn, fin-nuqqas ta' notifika minn qabel, din kienet ġiet mogħtija illegalment lil Salzgitter u kellha tiġi rkuprata.

118 — Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2006, P & O European Ferries (Vizcaya) u Diputación Foral de Vizcaya vs Il-Kummissjoni (C-442/03 P u C-471/03 P, Ġabra p. I-4845, punt 103).

289. Issa, fil-kuntest ta' l-analiżi tat-tielet parti ta' l-ewwel aggravju, ser neżamina jekk il-Kummissjoni setgħetx xorta waħda tordna r-rimbors ta' l-għajnuna in kwistjoni mingħajr ma tmur kontra l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi.

3. Fuq it-tielet parti ta' l-ewwel aggravju, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi

290. Nifhem li, permezz tat-tielet parti ta' l-ewwel aggravju, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti tal-Prim'Istanza li applikat, b'mod żbaljat, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi, billi ddeċidiet li hija kienet kisret dawn il-prinċipji billi ordnat ir-rimbors ta' l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter bejn l-1986 u l-1995.

a) Argumenti tal-partijiet

291. Il-Kummissjoni tqis li s-sentenza appellata tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali in kwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza ma osservatx in-natura tar-regoli dwar l-għajnuna għall-industrija ta'l-azzar. Dawn ta' l-aħħar huma fi stat ta' żvilupp kontinwu, bħal dawk li jirrigwardaw l-organizzazzjoni komuni tas-swieq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ssostni li l-operaturi ekonomiċi għandhom jistennew emendi għar-regoli applikabbli u m'humiex iġġustifikati li jibbażaw l-aspettattivi leġittimi tagħhom fuq il-fatt li dawn mhux ser ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet ġodda [119].

292. Salzgitter issostni, essenzjalment, li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat b'mod korrett il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi.

293. Hija tfakkar li, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi jista' jiġi invokat fil-konfront ta' regoli Komunitarji, in kwantu l-Kummissjoni stess ħolqot preċedentement sitwazzjoni li tista' tagħti lok għal aspettattiva leġittima [120]. Issa, fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni awtorizzat, min-naħa waħda, f'diversi okkażjonijiet u mingħajr riżerva, iz-ZRFG u, min-naħa l-oħra, ipproklamat, fil-kuntest ta' l-Ewwel Kodiċi, li hija kienet obbligata tkompli tikkunsidra l-iskemi ta' għajnuna, bħaz-ZRFG, bħala legali [121].

119 — Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenza tal-15 ta' Frar 1996, Duff *et* (C-63/93, Ġabra p. I-569, punt 20).

120 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, Niemann (C-14/01, Ġabra p. I-2279, punt 56).

121 — L-ewwel u r-raba' premessa ta' l-Ewwel Kodiċi.

294. Barra minn hekk, Salzgitter tippreċiża li kien biss fl-1998 li l-Kummissjoni bdiet teżamina l-iskemi fiskali ta' l-Istati Membri mill-perspettiva tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għal ċerti deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, li fihom din ta' l-aħħar ma ordnatx l-irkupru ta' l-għajnuna mogħtija taħt skema fiskali nazzjonali, għal raġunijiet marbuta b'mod partikolari mal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi [122]. Hija b'hekk issostni li d-deċiżjoni kkontestata, billi teħtieġ ir-rimbors ta' l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter, tikser il-prinċipju ta' trattament ugwali.

b) Evalwazzjoni

295. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkunsidra li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet korretta meta rreferiet għas-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Duff *et* [123] u Oliveira vs Il-Kummissjoni [124] in kwantu dawn jiddefinixxu l-protezzjoni offruta mill-prinċipju ta' ċertezza legali fl-iktar tifsira wiesgħa tagħha. Wara li fakkret li, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, regoli Komunitarja jissodisfaw l-obbligu ta' ċertezza legali biss jekk dawn jippermettu lill-partijiet ikkonċernati jkun jafu, b'eżatezza, il-firxa ta' l-obbligi li dawn jimponu fuqhom u li jadottaw id-dispożizzjonijeit konsegwenti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tenfasizza li tali evalwazzjoni tiddependi mill-kuntest li fih ir-regoli Komunitarji jkunu ġew adottati u minn paragun mas-sitwazzjoni ġuridika preċedentement eżistenti. Issa, fil-kawża preżenti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkunsidra li l-partijiet kkonċernati ma kinux f'pożizzjoni li jkunu jafu preċiżament il-portata ta' l-obbligi tagħhom safejn ir-regoli l-ġodda la kienu ċari u lanqas suffiċjentement immotivati. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet iġġustifikata meta rrikonoxxiet ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

296. Kif diġà indikajt, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punt 182 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma setgħetx titlob, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża preżenti, ir-restituzzjoni ta' l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter mingħajr ma tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet fil-fatt ikkunsidrat li l-kuntest ġuridiku applikabbli għall-impriża benefiċjarja ma kienx ċar u li l-Kummissjoni, billi m'għamlet ebda reazzjoni għall-informazzjoni li kienet intbagħtitilha mill-impriża benefiċjarja u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kienet naqset mill-obbligu ta' diliġenza u kienet b'hekk ħolqot sitwazzjoni ekwivoka.

297. Fid-dawl tal-konklużjonijiet li stabbilixxejt fil-kuntest ta' l-eżami taż-żewġ partijiet preċedenti, inqis, għall-kuntrarju

122 — Deċiżjonijiet tal-Kummisjoni 2002/347; 2003/755/KE, tas-17 ta' Frar 2003, dwar l-iskema ta' għajnuna implementata mill-Belġju favur ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju (ĠU L 282, p. 25); 2003/515/KE, tas-17 ta' Frar 2003, dwar l-iskema ta' għajnuna implementata mill-Olanda għall-attivitajiet ta' finanzjament internazzjonali (ĠU L 180, p. 52), u 2003/601/KE, tas-17 ta' Frar 2003, dwar l-iskema ta' għajnuna C 54/2001 (ex NN 55/2000) L-Irlanda — dħul esteru (ĠU L 204, p. 51).

123 — Punt 20.

124 — Punt 29.

ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, li l-Kummissjoni, billi ordnat ir-restituzzjoni ta' l-għajnuna in kwistjoni, ma kisritx la l-prinċipju ta' ċertezza legali u lanqas dak ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi ta' Salzgitter.

i) Fuq l-allegat ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali

298. Il-prinċipju ta' ċertezza legali jimplika li l-leġiżlazzjoni Komunitarja tkun ċerta u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għall-persuni suġġetti għal-liġi [125]. Dan jeħtieġ li kull att ta' l-istituzzjonijiet li jipproduċi għal effetti ġuridiċi jkun ċar, preċiż u jinġieb għall-għarfien tal-persuna kkonċernata b'tali mod li din tkun tista' ssir taf b'ċertezza l-mument minn meta l-imsemmi att jidħol fis-seħħ u jibda jipproduċi l-effetti ġuridiċi tiegħu. Dan il-prinċipju huwa impost b'mod partikolarment rigoruż fil-każ ta' att li jista' jagħti lok għal konsegwenzi finanzjarji, bil-għan li jippermetti lill-persuna kkonċernata tkun taf b'ċertezza l-firxa ta' l-obbligi li dan jimponi fuqha [126]. Dan jista' jkun il-każ ta' deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat [127].

299. Fid-dawl ta' l-elementi li diġà stabbilixxejt, ma naħsibx li l-Kummissjoni, billi ordnat ir-rimbors ta' l-għajnuna kontenzjuża, setgħet kisret iċ-ċertezza legali ta' Salzgitter.

300. Kif diġà indikajt, il-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar kienu ġew adottati mill-Kummissjoni fil-forma ta' deċiżjonijiet ta' portata ġenerali. Fuq din il-bażi, dawn ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Dawn il-Kodiċi jawtorizzaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, derogi mill-projbizzjoni, fil-prinċipju, ta' għajnuna mill-Istat stabbilita fl-Artikolu 4(c) KEFA, favur kategoriji partikolari ta' għajnuna li huma jelenkaw b'mod eżawrenti. Ir-regoli li dawn jistabbilixxu huma, fil-fehma tiegħi, ċari. Dan huwa dak li diġà kkunsidrajt fil-punti 232 sa 238 ta' dawn il-Konklużjonijiet, fir-rigward ta' l-obbligu ta' notifika minn qabel tal-proġetti ta' għajnuna. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, b'kunsiderazzjoni għall-parteċipazzjoni tagħha fil-Kumitat Konsultattiv tal-KEFA, u Salzgitter, b'kunsiderazzjoni għall-pożizzjoni ekonomika b'saħħitha tagħha, it-tnejn kienu f'pożizzjoni li jkunu jafu l-portata ta' l-obbligi imposti fuqhom mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat.

301. Fir-rigward tal-prevedibbiltà tar-regoli applikabbli, naħseb ukoll li Salzgitter kienet f'pożizzjoni li tipprevedi li r-regoli stabbiliti mill-Kummissjoni fil-kuntest tad-diversi

125 — Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1987, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni (325/85, Ġabra p. 5041, punt 18).

126 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Lulju 1981, Gondrand Frères u Garancini (169/80, Ġabra p. 1931, punt 17) u tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Ottubru 2006, Hewlett-Packard vs Il-Kummissjoni (T-313/04, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

127 — Sentenza Duff *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 20).

Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar setgħu jkunu adattati jew emendati skond l-evoluzzjoni fil-qagħda ekonomika tas-settur ta' l-azzar.

302. Effettivament, kif il-Kummissjoni korrettament osservat, ir-regoli dwar l-għajnuna lill-industrija ta' l-azzar huma fi żvilupp kontinwu. Il-Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar u r-regoli li dawn jistabbilixxu huma validi biss għal perijodu determinat. Dawn il-Kodiċi jħassru lil xulxin u kull Kodiċi jinvolvi verżjoni ġdida tad-dispożizzjonijiet derogatorji, billi jadatthom għall-iżviluppi tekniċi u ekonomiċi ta' l-industrija ta' l-azzar. Billi emendat dawn il-Kodiċi, il-Kummissjoni riedet preċiżament tagħmel ċert li l-għoti ta' l-għajnuna ma tkunx sitwazzjoni permanenti, iżda li tibqa' eċċezzjoni limitata fiż-żmien, li tindirizza sitwazzjoni u ħtiġijiet speċifiċi. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza, fil-kuntest ta' Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, l-għoti ta' għajnuna partikolari lil ċerti impriżi ta' l-azzar, toħloq sitwazzjoni ġuridika li tista' tiġi mmodifikata fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji, kif dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, fil-qasam ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq, li s-suġġett tagħhom jeħtieġ adattament kostanti skond il-varjazzjonijiet fil-qagħda ekonomika [128]. Wara l-iskadenza ta' Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, il-Kummissjoni b'hekk tista' tadotta, fil-kuntest ta' Kodiċi ieħor, regoli ġodda jekk hija tqis li din hija r-risposta li għandha twassal għaliha applikazzjoni korretta tar-regoli tat-Trattat KEFA.

303. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi d-deċiżjoni kkontestata, billi tindika li l-għajnuna in kwistjoni ma kinitx ġiet innotifikata u billi teżiġi bħala konsegwenza r-rimbors tagħha, ma turix għaldaqstant li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali, filwaqt li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, billi ma nnotifikatx l-imsemmija għajnuna b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Kodiċi, ma rrispettatx dan il-prinċipju.

ii) Fuq l-allegat ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi

304. Il-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi jikkostitwixxi l-korollarju tal-prinċipju ta' ċertezza legali. F'każ ta' bdil tar-regola, dan għandu l-għan li jiżgura l-protezzjoni ta' sitwazzjonijiet akkwistati b'mod leġittimu minn persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi b'mod partikolari [129].

128 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill (C-104/97 P, Ġabra p. I-6983, punt 52).

129 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2000, Rombi u Arkopharma (C-107/97, Ġabra p. I-3367, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Madankollu, meta sitwazzjoni tista' tiġi mmodifikata fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji, l-operaturi ekonomiċi ma jistgħux jibbażaw l-aspettattiva leġittima tagħhom fuq iż-żamma ta' sitwazzjoni eżistenti [130].

305. Fil-kawża preżenti u fid-dawl ta' l-elementi li diġà stabbilixxejt preċedentement, inqis fl-ewwel lok li la Salzgitter u lanqas ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma jistgħu jinvokaw ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi.

306. Huwa magħruf, effettivament, li fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri ma jistgħux jinqdew bl-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji biex jaħarbu mill-obbligu li jirkurpaw l-għajnuna mogħtija illegalment meta din ingħatat bi ksur tar-regoli tal-proċedura. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, effettivament, li kieku dan kien il-każ, l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq l-illegalità ta' l-aġir tagħhom stess biex idgħajjfu l-effikaċja tal-kontroll imwettaq mill-Kummissjoni [131].

307. Huwa magħruf ukoll li, meta titqies in-natura imperattiva tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat, l-operaturi ekonomiċi jista' jkollhom aspettattiva leġittima fir-regolarità ta' l-għajnuna biss jekk din tkun ingħatat b'osservanza tal-proċedura prevista għal dan il-għan u, b'mod partikolari, tal-kompetenzi attribwiti lill-Kummissjoni [132]. Hija wkoll ġurisprudenza kostanti li operatur ekonomiku diliġenti għandu normalment ikun f'pożizzjoni li jiżgura ruħu mill-osservanza ta' din il-proċedura [133].

308. Issa, fil-kuntest ta' dawn il-Konklużjonijiet, insostni li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, billi ma nnotifikatx l-għajnuna in kwistjoni, ma rrispettatx il-proċedura prevista, mill-1986, mid-diversi Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar. Nikkunsidra wkoll li Salzgitter kienet f'pożizzjoni li tkun taf preċiżament il-portata ta' l-obbligi tagħha fil-kuntest tal-kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat stabbilit mill-Kummissjoni.

309. Għaldaqstant jiena tal-fehma, fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija u fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża preżenti, li la r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lanqas Salzgitter ma setgħu jinvokaw ksur

130 — Sentenzi Delacre *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Ottubru 1997, Wirtschaftsvereinigung Stahl *et* vs Il-Kummissjoni (T-244/94, Ġabra p. II-1963, punti 58 u 59).

131 — Ara, b'mod partikolari, fil-kuntest tat-Trattat KE, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 1997, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-169/95, Ġabra p. I-135, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

132 — Ara, b'mod partikolari, fil-kuntest tat-Trattat KE, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479, punti 150 sa 152).

133 — Ara s-sentenza Alcan Deutschland, iċċitata iktar 'il fuq (punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi biex jevitaw l-obbligu ta' rkupru ta' l-għajnuna in kwistjoni.

310. Fi kwalunkwe każ, ma naħsibx li l-Kummissjoni setgħet nisslet aspettattiva leġittima fir-rigward ta' l-Istat Membru kkonċernat u ta' l-impriża benefiċjarja dwar il-kompatibbiltà, fir-rigward tar-regoli tat-Trattat KEFA, ta' l-għajnuna in kwistjoni.

311. Kif l-Avukat Ġenerali Léger kien irrirmarka fil-punti 365 sa 370 tal-Konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li tat lok għas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi huwa, fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ammess meta tliet kundizzjonijiet huma sodisfatti.

312. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm att jew aġir ta' l-amministrazzjoni Komunitarja li seta' ta lok għal din l-aspettattiva. Din l-amministrazzjoni trid tkun ipprovdiet, barra minn hekk, assigurazzjonijiet preċiżi [134].

313. Fit-tieni lok, l-operatur ekonomiku m'għandux ikun f'pożizzjoni li jipprevedi l-bidla fil-pożizzjoni adottata preċedentement mill-ammininistrazzjoni Komunitarja. Effettivament, jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti li, meta operatur ekonomiku prudenti u infurmat huwa f'pożizzjoni li jipprevedi l-adozzjoni ta' att Komunitarju ta' natura li jista' jaffettwa l-interessi tiegħu, huwa ma jistax jinvoka l-benefiċċju tal-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi meta dan l-att ikun ġie adottat [135]. L-aspettattiva mnissla mill-att jew l-aġir ta' l-amministrazzjoni Komunitarja hija b'hekk "leġittima" u għandha, bħala konsegwenza, tiġi protetta meta l-persuna kkonċernata setgħet raġonevolment tafda fiż-żamma jew fl-istabilità tas-sitwazzjoni hekk maħuqa, kif seta' jagħmel operatur ekonomiku "prudenti u infurmat".

314. Fit-tielet lok, l-interess Komunitarju segwit mill-att ikkontestat m'għandux jiġġustifika l-ksur ta' l-aspettattiva leġittima tal-persuna kkonċernata. Din il-kundizzjoni hija sodisfatta meta l-bilanċ ta' l-interessi in kwistjoni juri li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-interess Komunitarju ma jipprevalix fuq dak tal-persuna kkonċernata fiż-żamma tas-sitwazzjoni li hija setgħet leġittimament tqis bħala stabbli [136].

315. Għandu jiġi eżaminat, fil-kawża preżenti, jekk l-atti jew l-aġir tal-Kummiss-

134 — Sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata).

135 — *Idem.*

136 — Ara b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Affish (C-183/95, Ġabra p. I-4315, punt 57).

joni setgħux joħolqu fir-rigward ta' l-impriża benefiċjarja aspettattiva leġittima ta' tali natura li tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli ġġiegħel lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tordna r-restituzzjoni ta' l-għajnuna u lil Salzgitter tirrimborsa dik l-għajnuna.

316. Fil-fehma tiegħi dan mhux il-każ. Effettivament, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni Salzgitter u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, jiena tal-fehma li l-Kummissjoni ma setgħetx nisslet aspettattiva leġittima meta hija awtorizzat, fuq il-bażi tat-Trattat KE, l-iskema ġenerali ta' għajnuna prevista fl-Artikolu 3 taz-ZRFG jew meta hija adottat l-Ewwel Kodiċi, jew inkella, meta hija naqset milli tirreaġixxi għall-informazzjoni mibgħuta lilha minn Salzgitter.

317. Għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward ta' l-Artikolu 3 taz-ZRFG, inqis li dawn ma setgħux taw assigurazzjonijiet preċiżi dwar il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna in kwistjoni mar-regoli tat-Trattat KEFA. Kif diġà indikajt fil-kuntest ta' l-eżami ta' l-appell inċidentali, dawn id-deċiżjonijiet ġew adottati unikament fuq il-bażi tal-Artikoli 87 KE u 88 KE u kienu jirrigwardaw l-impriżi li jaqgħu taħt it-Trattat KE. In kwantu l-għajnuna in kwistjoni bbenefikat lil impriża li taqa' taħt it-Trattat KEFA, il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar b'hekk kienet taqa' taħt ir-regoli partikolari ta' dan l-aħħar Trattat u ta' l-atti adottati għall-eżekuzzjoni tiegħu [137].

318. F'dak li jirrigwarda, sussegwentement, ir-regoli stabbiliti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' l-Ewwel Kodiċi, naħseb ukoll li dawn ma setgħux nisslu, fir-rigward ta' Salzgitter, aspettattivi leġittimi dwar il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna in kwistjoni mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar.

319. Effettivament, kif diġà indikajt, ir-regoli li tistabbilixxi l-Kummissjoni fil-kuntest ta' Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar jindirizzaw sitwazzjoni u ħtiġijiet preċiżi u dawn huma validi biss għal perijodu determinat. Issa, minn ġurisprudenza kostanti jirriżulta li, għalkemm il-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi huwa fost il-prinċipji fundamentali tal-Komunità, l-operaturi ekonomiċi madankollu m'humiex ġustifikati li jibbażaw l-aspettattiva leġittima tagħhom fuq iż-żamma ta' sitwazzjoni eżistenti li tista' tiġi mmodifikata fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji. Fis-sentenza Wirtschaftsvereinigung Stahl *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-qorti Komunitarja indikat ukoll li "il-funzjonament tajjeb tas-suq komuni ta' l-azzar evidentement [kien jinvolvi] il-bżonn evidenti ta' bidla kostanti skond il-varjazz-

137 — Nirreferi għall-punti 149 sa 152 ta' dawn il-konklużjonijiet.

jonijiet fis-sitwazzjoni ekonomika" [138]. Rigward il-miżuri intiżi biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' kriżi, hija ddeċidiet li l-operaturi ekonomiċi ma setgħux jinvokaw dritt akkwistat għaż-żamma ta' sitwazzjoni ġuridika eżistenti f'mument partikolari [139].

320. Għaldaqstant, kif diġà rajna, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza, fil-kuntest ta' Kodiċi ta' Għajnuna għall-Industrija ta' l-Azzar, l-għoti ta' kategorija ta' għajnuna lil ċerti impriżi ta' l-azzar, toħloq sitwazzjoni ġuridika li tista' tiġi mmodifikata bis-saħħa tas-setgħa diskrezzjonali tagħha.

321. Minn dan isegwi li, meta l-Kummissjoni tippreċiża, min-naħa waħda, fil-kuntest tar-raba' premessa ta' l-Ewwel Kodiċi, li dan huwa llimitat għall- "għajnuna speċifika biss" [traduzzjoni mhux uffiċjali] — waqt li l-applikazzjoni għall-industrija ta' l-azzar ta' l-iskemi ta' għajnuna ġenerali jibqgħu suġġetti għall-kontroll tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 67 KEFA kif ukoll ta' l-Artikoli 87 KE u 88 KE — u meta hija tindika, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 10 ta' l-istess Kodiċi, li dan huwa "applikabbli sal-31 ta' Diċembru 1981", [traduzzjoni mhux uffiċjali], huwa ċar li, minn din id-data 'l quddiem, il-Kummissjoni tista' tadotta regoli differenti. Salzgitter, li hija meqjusa li taf ir-regoli applikabbli, b'hekk kienet f'pożizzjoni li tipprevedi li dawn setgħu jkunu adattati jew emendati skond id-data ċiklika tas-suq ta' l-azzar. Fi kliem ieħor, meta hija tiddeċi, fil-kuntest tat-Tieni Kodiċi, li tistabbilixxi proċedura uniformi għall-għajnuna kollha għall-industrija ta' l-azzar, u meta hija tistipola b'mod iktar partikolari, fil-kuntest tat-Tielet Kodiċi, obbligu ta' notifika ta' għajnuna, bħal dik in kwistjoni fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni ma tiksirx, fil-fehma tiegħi, il-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi.

322. Fl-aħħar, għal dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' reazzjoni tal-Kummissjoni wara li rċeviet l-informazzjoni mibgħuta minn Salzgitter, fil-fehma tiegħi dan ma setax ħoloq fir-rigward ta' din l-impriża aspettattiva leġittima dwar il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna in kwistjoni mas-suq komuni tal-faħam u l-azzar. Effettivament, din l-informazzjoni ma kinitx ġiet ikkomunikata fil-kuntest ta' notifika skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 6 tat-Tielet Kodiċi u tal-Kodiċi suċċessivi, iżda fil-kuntest tal-programmi ta' qafas tal-produzzjoni ta' l-azzar u tal-programmi ta' sorveljanza ta' l-investimenti. Fil-fehma tiegħi dan mhumiex biżżejjed biex Salzgitter tkun tista' raġonevolment temmen li l-għajnuna li minnha hija bbenefikat ma qajmet ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Kummissjoni [140].

138 — Punt 59.
139 — *Idem.*

140 — Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Novembru 1987, RSV vs Il-Kummissjoni (223/85, Ġabra p. 4617) mhijiex applikabbli fil-kawża preżenti. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet effettivament ikkunsidrat li d-dewmien min-naħa tal-Kummissjoni (26 xahar) biex tieħu deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat seta' stabbilixxa aspettattiva leġittima fir-rigward tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna b'tali mod li jimpedixxi lill-Kummissjoni milli tordna lill-awtoritajiet nazzjonali jordnaw ir-restituzzjoni ta' l-għajnuna. Madankollu, fl-imsemmija kawża, din l-għajnuna kienet ġiet innotifikata.

323. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi l-atti jew l-aġir li adottat il-Kummissjoni, fil-kuntest ta' din il-kawża, ma setgħux nislu fir-rigward ta' Salzgitter aspettattiva leġittima ta' natura tali li tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli ġġiegħel lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tordna r-restituzzjoni ta' l-għajnuna u lill-impriża benefiċjarja tirrimborsha.

324. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha u fir-rigward tal-konklużjonijiet li diġà stabbilixxejta fil-kuntest ta' l-eżami taż-żewġ partijiet preċedenti, inqis li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt billi ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali billi ordnat ir-rimbors ta' l-għajnuna li, fin-nuqqas ta' notifika, kienet ingħatat illegalment lil Salzgitter.

325. Għaldaqstant, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara l-ewwel aggravju fondat u tannulla s-sentenza appellata safejn din annullat l-Artikoli 2 u 3 tad-deċiżjoni kkontestata dwar ir-rimbors ta' l-għajnuna mogħtija lil Salzgitter bejn l-1986 u l-1995.

326. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, nikkunsidra li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni fuq il-partijiet l-oħra ta' dan l-aggravju. Inqis ukoll li m'hemmx lok li tittieħed deċiżjoni fuq it-tieni aggravju ta' dan l-appell.

## VII — Fuq ir-rinviju tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza

327. L-Artikolu 61(1) ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jgħid li jekk l-appell ikun fondat sewwa, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Tista' allura jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti ta' Prim'Istanza biex din tiddeċidiha.

328. Fil-kawża preżenti, nikkunsidra li l-kawża m'hijiex fi stat li tista' tiġi deċiża. Effettivament, l-eżami tal-motivi invokati minn Salzgitter fil-kuntest tar-rikors tagħha għal annullament inevitabbilment jeħtieġ verifiki ta' fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma eżaminatx fil-kuntest tas-sentenza appellata. B'mod partikolari qed naħseb fir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-kwalifika ta' ċerti investimenti bħala miżuri li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA, fil-ħames motiv, ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni in kwantu l-Kummissjoni ma kkwalifikatx ċerti proġetti ta' investiment bħala miżuri intiżi għall-ħarsien ta' l-ambjent, u fis-sitt motiv,ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fid-definizzjoni tar-rati ta' attwalizzazzjoni determinanti.

329. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwassluni biex nipproponi r-rinviju ta' din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex din tiddeċiedi dwar il-merti u li jiġu rriżervati l-ispejjeż.

## VIII — Konklużjoni

330. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-1 ta' Lulju 2004, Salzgitter vs Il-Kummissjoni (T-308/00), hija annullata safejn din tannulla l-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/797/KEFA, tat-28 ta' Ġunju 2000, dwar l-għajnuna mill-Istat implementata mill-Ġermanja favur Salzgitter AG, Preussag Stahl AG u s-sussidjarji tal-grupp li joperaw fl-industrija ta' l-azzar, illum il-ġurnata miġbura flimkien taħt l-isem Salzgitter AG — Stahl und Technologie (SAG).

2) Il-kawża hija rrinvjata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.